IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.9.2023
COM(2023) 570 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Rapport dwar l-istat tad-Deċennju Diġitali 2023

{SWD(2023) 570 final} - {SWD(2023) 571 final} - {SWD(2023) 572 final} - {SWD(2023) 573 final} - {SWD(2023) 574 final}

Werrej


1. Introduzzjoni: it-twettiq tad-Deċennju Diġitali 2
2. Xprunaturi ewlenin għat-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa fl-2022 3
3. Trasformazzjoni diġitali għal Ewropa sovrana u kompetittiva 7
3.1 Punt kardinali: infrastrutturi diġitali 8
3.1.1 Mira: networks tal-gigabits u bla fili ta' veloċità għolja għal kulħadd 8
3.1.2 Mira: semikondutturi 12
3.1.3 Mira: nodi periferiċi 13
3.1.4 Mira: computing kwantistiku 14
3.2 Punt kardinali: diġitalizzazzjoni tan-negozji 15
3.2.1 Mira: adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali 15
3.2.2 Mira: intensità diġitali tal-SMEs 17
3.2.3 Mira: unicorns 17
3.3 Objettiv tad-Deċennju Diġitali: ċibersigurtà 18
3.4 Objettiv tad-Deċennju Diġitali: reżiljenza 20
4. Trasformazzjoni diġitali biex tingħata s-setgħa lin-nies u lis-soċjetà tal-UE 21
4.1 Punt kardinali: ħiliet diġitali 21
4.1.1 Mira: ħiliet diġitali bażiċi 22
4.1.2 Mira: speċjalisti tal-ICT 23
4.2 Punt kardinali: diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi 24
4.2.1 Mira: servizzi pubbliċi ewlenin 24
4.2.2 Mira: identifikazzjoni elettronika 26
4.2.3 Mira: rekords elettroniċi tas-saħħa 27
4.3 Objettiv tad-Deċennju Diġitali: salvagwardja tad-drittijiet fundamentali u l-għoti tas-setgħa lill-ħajja demokratika 28
4.4 Objettiv tad-Deċennju Diġitali: promozzjoni ta' ambjent iċċentrat fuq il-bniedem - enfasi fuq il-protezzjoni tat-tfal 31
5. Trasformazzjoni diġitali biex jiġi appoġġat il-Patt Ekoloġiku tal-UE 32
6. Dimensjoni internazzjonali 35
7. Konklużjonijiet 37

1. Introduzzjoni: it-twettiq tad-Deċennju Diġitali

L-**ewwel rapport dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali** jqis il-progress tal-UE lejn trasformazzjoni diġitali b'suċċess għan-nies, għan-negozji u għall-ambjent kif stabbilit fid-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali[1] ("id-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali"). Dan jirrieżamina l-iżviluppi tal-politika diġitali u jiddeskrivi kif l-UE qed tavvanza lejn il-miri u l-objettivi miftiehma, u b'hekk **jiddeskrivi fejn l-UE tinsab fil-bidu tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.**

L-analiżi ġenerali tal-**progress tal-UE fil-konfront tal-objettivi u l-miri tad-Deċennju Diġitali** hija murija hawn taħt fl-Illustrazzjoni 1 u r-**rapporti tal-pajjiżi** ppreżentati f'anness ta' dan ir-rapport jipprovdu stampa aktar iddettaljata.

Illustrazzjoni 1: L-evalwazzjoni tal-progress lejn il-miri tad-Deċennju Diġitali stabbiliti għall-2030[2]



[1] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali, ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4–26.

[2] Sors: Analiżi tal-Kummissjoni SWD(2023) 571 "Il-punti kardinali tad-Deċennju Diġitali: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi". Ara C(2023) 7500 "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi t-trajettorji proġettati fil-livell tal-Unjoni għall-miri diġitali".

L-Illustrazzjoni 1 tenfasizza **l-ħtieġa li jiġu aċċellerati u msaħħa l-isforzi kollettivi, inkluż permezz ta' miżuri ta' politika u investiment[3] fit-teknoloġiji, il-ħiliet u l-infrastrutturi diġitali,** li huma faċilitaturi ġeopolitiċi, soċjetali, ekonomiċi u ambjentali kritiċi. Abbażi ta' dan, dan ir-rapport jinkludi rakkomandazzjonijiet konkreti lill-Istati Membri qabel l-adozzjoni tal-pjanijiet direzzjonali strateġiċi nazzjonali tagħhom u għall-aġġustamenti futuri tagħhom. Fl-anness tiegħu, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż huma bbażati fuq il-prestazzjoni u l-potenzjal ta' kull Stat Membru li jikkontribwixxi għall-isforzi kollettivi lejn l-ilħuq tal-miri u l-objettivi tad-Deċennju Diġitali.

Dan ir-rapport jinkludi wkoll **il-monitoraġġ tad-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali**, li tittraduċi l-viżjoni tal-UE tat-trasformazzjoni diġitali fi prinċipji u impenji[4]. Bid-Dikjarazzjoni, l-UE tqiegħed lin-nies fiċ-ċentru tat-trasformazzjoni diġitali, filwaqt li tappoġġa s-solidarjetà u l-inklużjoni permezz tal-konnettività; tiddikjara mill-ġdid l-importanza tal-libertà tal-għażla u ta' ambjent diġitali ġust; trawwem il-parteċipazzjoni fl-ispazju pubbliku diġitali; u żżid is-sigurtà u s-sostenibbiltà. Id-Dikjarazzjoni tagħti punt ta' referenza ċar dwar it-tip ta' trasformazzjoni diġitali li l-UE trid, filwaqt li tipprovdi b'mod partikolari gwida għal dawk li jfasslu l-politika u għall-kumpaniji meta jittrattaw teknoloġiji ġodda.

Il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali jiddependi fuq kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri biex jiġu żgurati progress kollettiv u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati kollha fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali. Dan huwa komplementari għas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u soċjali, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li tinkludi dimensjoni diġitali b'saħħitha: bħalissa 26 % tal-allokazzjoni totali tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (EUR 130 biljun minn EUR 502 biljun) hija ddedikata għat-trasformazzjoni diġitali[5].

2. Xprunaturi ewlenin għat-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa fl-2022

Sejbiet mill-Ewrobarometru 2023[6] *dwar l-importanza tat-teknoloġija diġitali u ta' azzjoni komuni:*

Id-dimensjoni diġitali qed issir dejjem aktar importanti, skont il-maġġoranza l-kbira tal-Ewropej. ***Erbgħa minn kull ħames rispondenti jqisu li t-teknoloġiji diġitali se jkunu importanti f'ħajjithom*** *sal-2030.*

Biex jiġi ffaċilitat l-użu tagħhom ta' kuljum tat-teknoloġiji diġitali, tlieta minn kull erba' Ewropej jenfasizzaw il-ħtieġa għal ***ċibersigurtà aktar b'saħħitha, konnettività aħjar u protezzjoni aħjar tad-data****.*

[3] Ir-referenzi f'din il-Komunikazzjoni, fl-anness tagħha u fid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjawha li jappoġġaw miżuri li jistgħu jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat huma mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat.

[4] Id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, ĠU C 23, 23.1.2023, p. 1–7. Id-Dikjarazzjoni tibni fuq id-dritt primarju tal-UE, b'mod partikolari t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fuq id-dritt sekondarju u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

[5] Kull Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandu jiddedika mill-anqas 20 % mill-allokazzjoni totali tal-pjan għat-trasformazzjoni diġitali. Għal dan il-għan, il-pjanijiet kellhom jispeċifikaw u jiġġustifikaw il-kontribut diġitali ta' kull miżura, bl-użu tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament RRF.

[6] Ewrobarometru Speċjali 532 "Id-Deċennju Diġitali", Marzu 2023, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ Ewrobarometru 2023.

F'termini ta' azzjonijiet futuri ***fil-pajjiżi tagħhom****, it-tliet prijoritajiet ewlenin skont ir-rispondenti huma:* ***il-protezzjoni tal-utenti miċ-ċiberattakki****, it-titjib tad-disponibbiltà ta'* ***internet b'veloċità għolja għal kulħadd u kullimkien****, u l-protezzjoni tal-utenti* ***mid-diżinformazzjoni u mill-kontenut illegali****.*

Erbgħa minn ħames Ewropej iqisu li l-Istati Membri għandhom jikkollaboraw aktar biex iżidu l-investimenti konġunti *f'teknoloġiji diġitali innovattivi u siguri, li se jippermettu aktar aċċessibbiltà għas-servizzi diġitali u aktar kompetittività tal-kumpaniji tal-UE globalment.*

L-2022 rat **aċċellerazzjoni ulterjuri tat-tendenzi ewlenin li jaffettwaw it-trasformazzjoni diġitali tal-UE**: żviluppi teknoloġiċi dejjem aktar mgħaġġla, bħal dawk tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) ġenerattiva, it-tibdil fil-klima u t-tħassib soċjetali u ekonomiku assoċjat, domanda dejjem akbar għal konnettività b'veloċità għolja[7], iż-żieda tar-riskji interni u esterni għad-demokrazija u l-valuri tal-UE, u l-multipolarizzazzjoni tax-xena globali kontra tellieqa teknoloġika li qed tintensifika[8]. L-impatt potenzjali tat-tibdil teknoloġiku huwa sinifikanti u se jirrikjedi li l-UE tkun aġli u rapida fit-trasformazzjoni tagħha.

L-2022 żiedet l-**importanza tal-ġeopolitika, fl-isfond tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll ta' riskji akbar ta' frammentazzjoni ekonomika f'xi oqsma fid-dawl ta' interessi u valuri strateġiċi f'kompetizzjoni**. Il-ġeopolitika daħlet b'mod sod fl-attivitajiet ta' kuljum tan-nies u tan-negozji b'żieda fil-kostijiet tal-għajxien, żieda kostanti u sinifikanti fl-għadd ta' attakki ċibernetiċi fl-Ewropa, u t-tfixkil tal-ktajjen tal-provvista tal-prodotti u tas-servizzi[9].

It-teknoloġiji diġitali jinsabu fiċ-ċentru ta' dawn it-tensjonijiet ġeopolitiċi u ta' tellieqa teknoloġika dejjem tikber, fejn il-veloċità u l-iskala għandhom rwol kritiku biex jinkisbu u jinżammu pożizzjonijiet ewlenin fl-ekonomija globali futura[10]. L-innovazzjonijiet diġitali sistemiċi għandhom il-potenzjal li joħolqu effetti konsegwenzjali fis-setturi ekonomiċi kollha. Dan se jagħti vantaġġ ulterjuri lill-mexxejja kummerċjali stabbiliti fl-ekosistema diġitali globali, li jirriżulta f'effetti sinifikanti fuq il-kompetittività, it-tkabbir u s-sovranità tal-UE.


[7] Skont id-*data* tal-Eurostat tal-2023 (kodiċi tad-*data* online: ISOC_CI_IFP_FU), fl-2022, 84 % tal-individwi fl-UE aċċessaw l-internet kuljum, b'5 % oħra jużawh mill-anqas darba fil-ġimgħa.

[8] Rapport ta' Prospettiva Strateġika 2021 (COM (2021) 750 final) u 2022 (COM(2022) 289 final).

[9] McKinsey, Taking the pulse of shifting supply chains, 2022.

[10] SWD(2023)570 "L-implimentazzjoni tal-objettivi tad-Deċennju Diġitali u d-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali".

Illustrazzjoni 2: Il-kompożizzjoni tal-attivitajiet skont iż-żona diġitali f'żoni ġeografiċi magħżula (2009-2022)



Sors: Calza et al., "Analytical insights into the global digital ecosystem (DGTES)", 2023[11].

Filwaqt li jikklassifika bħala waħda mill-akbar industriji, is-suq globali tal-ICT huwa previst li jilħaq daqs ta' EUR 6 triljun fl-2023. Madankollu, il-pożizzjoni tal-UE fl-ekosistema globali, murija fl-Illustrazzjoni 2, tista' tittejjeb sostanzjalment. Aktar importanti minn hekk, is-sehem tal-UE tad-dħul globali fis-suq tal-ICT naqas drastikament fl-aħħar 10 snin, minn 21,8 % fl-2013 għal 11,3 % fl-2022, filwaqt li s-sehem tal-Istati Uniti żdied minn 26,8 % għal 36 %[12]. Bħalissa, l-UE tiddependi fuq pajjiżi barranin għal aktar minn 80 % tal-prodotti diġitali, kif ukoll għas-servizzi, l-infrastrutturi u l-proprjetà intellettwali. Pereżempju, l-Istati Uniti u l-UE huma dipendenti sa 75-90 % fuq il-produzzjoni tal-Asja għas-semikondutturi[13][14].

F'dan il-kuntest, matul l-aħħar sena, **l-UE żiedet l-azzjoni biex terġa' tafferma t-tmexxija teknoloġika tagħha u tiffaċilita t-trasformazzjoni diġitali filwaqt li trawwem ir-reżiljenza tagħha**[15]. Filwaqt li tibni fuq l-akbar qasam tas-suq integrat tad-dinja[16], l-UE tat spinta lill-azzjoni biex tindirizza d-dipendenzi strateġiċi, b'mod partikolari b'rabta mal-materja prima

[11] Calza, E., Dalla Benetta, A., Kostić, U., Mitton, I., Moraschini, M., Vazquez-Prada Baillet, M., Cardona, M., Papazoglou, M., Righi, R., Torrecillas Jodar, J., Lopez Cobo, M., Cira, P. u De Prato, G., Analytical insights into the global digital ecosystem (DGTES), EUR 31538 EN, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2023, ISBN 978-92-68-04045-4, doi:10.2760/811932, JRC132991. See https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC132991

[12] Is-sehem tas-suq globali tal-ICT skont il-pajjiż għall-2022 | Statista.

[13] Iċ-Ċentru dwar ir-Regolamentazzjoni fl-Ewropa (CERRE), *Il-Politika Industrijali Diġitali għall-Ewropa*, Diċembru 2022.

[14] Fil-kuntest tal-pakkett dwar il-Politika Industrijali tal-2021, il-Kummissjoni pproponiet metodoloġija biex jiġu mmappjati l-prodotti ta' dipendenza strateġika tal-UE fl-ekosistemi sensittivi. Fi ħdan l-ekosistemi diġitali, l-aħħar analiżi tindika dipendenzi għal laptops, mowbajls u riċevituri tax-xandir bir-radju, fost l-oħrajn, li huma wkoll soġġetti għal punti uniċi ta' falliment. Għal aktar dettalji ara SWD (2021) 352 u d-Dokumenti dwar l-Ekonomija tas-Suq Uniku (id-Dokument ta' Ħidma 14, 2023): "Metodoloġija mtejba għall-monitoraġġ tad-dipendenzi u l-vulnerabbiltajiet strateġiċi tal-UE".

[15] Ara d-Dikjarazzjoni tal-mexxejja, il-laqgħa tal-Kap tal-Istat u tal-Gvern, Versailles, l-10/11 ta' Marzu 2022.

[16] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-30 Sena mis-Suq Uniku", (COM(2023) 162 final); imkejjel skont il-parità tal-kapaċità tal-akkwist, il-Perspettiva Ekonomika Dinjija tal-FMI.

kritika, is-semikondutturi, is-software tal-IT (cloud u software tal-edge), u t-teknoloġiji u l-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà[17]. Kemm ir-riformi kif ukoll l-investimenti ddaħħlu fis-seħħ għal dan il-għan, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kisba tad-Deċennju Diġitali. Pereżempju, mill-preżentazzjoni tiegħu fi Frar tas-sena li għaddiet, l-Att tal-UE dwar iċ-Ċipep ta lis-suq is-sinjali t-tajbin u diġà ġew imħabbra EUR 100 biljun f'investimenti pubbliċi u privati ppjanati[18]. L-UE investiet ukoll f'kompjuters ta' prestazzjoni għolja, li minnhom l-UE issa għandha tnejn mill-aqwa ħamsa fid-dinja[19]. Fl-aħħar, l-isforzi mmirati għar-riċerka u l-innovazzjoni, bħal dawk fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa u l-Fond Ewropew għad-Difiża, huma kruċjali wkoll biex tingħata spinta lill-pożizzjonament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE meta mqabbel mal-kompetituri globali tagħha, u b'hekk jikkontribwixxu aktar għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE fit-tul u għat-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi[20].

F'aktar dettall, b'EUR 165 biljun f'finanzjament tal-UE li mistenni jikkontribwixxi direttament għall-miri tad-Deċennju Diġitali, **l-UE diġà qed tappoġġa d-Deċennju Diġitali permezz ta' diversi programmi, b'mod partikolari bil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**[21]. Madankollu, kif muri fl-Illustrazzjoni 1 hawn fuq ("*L-evalwazzjoni tal-progress lejn l-2030*"), **l-ilħuq b'suċċess tat-trasformazzjoni diġitali tal-UE għadu 'l bogħod milli jiġi żgurat** u se tirrikjedi miżuri ta' politika, azzjonijiet u investimenti addizzjonali, li jenfasizzaw l-**importanza li jingħaqdu flimkien b'mod partikolari permezz ta' proġetti multinazzjonali (MCPs)**. Dan isir saħansitra aktar meħtieġ mill-kuntest ġeopolitiku ta' sfida u t-tellieqa teknoloġika globali.

L-aċċellerazzjoni tat-twettiq ta' proġetti diġitali industrijali komuni ġodda se tkun element kritiku tad-Deċennju Diġitali. L-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-MCPs, il-ġbir flimkien tar-riżorsi tal-UE, tal-Istati Membri u dawk privati, se jkunu aktar aġli u flessibbli bis-saħħa tal-Konsorzji Ewropej tal-Infrastruttura Diġitali (EDIC), il-mekkaniżmu ta' implimentazzjoni l-ġdid li ġie introdott bid-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali. Dan huwa enfasizzat mill-għadd sinifikanti ta' proġetti li diġà ġew proposti mill-Istati Membri biex jiġu implimentati permezz tal-EDICs[22].

Fl-istess ħin, **il-Kummissjoni aġġornat is-sett ta' għodod tagħha għall-għajnuna mill-Istat** u b'mod partikolari approvat emendi għar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER)[23], li għandhom il-potenzjal li jiffaċilitaw, jissimplifikaw u jħaffu l-appoġġ pubbliku

[17] Dipendenzi u kapaċitajiet strateġiċi tal-UE: it-tieni stadju tar-rieżamijiet fil-fond (SWD(2022) 41 final).

[18] Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim politiku dwar l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep (europa.eu)

[19] SWD(2023)570 "L-implimentazzjoni tal-objettivi tad-Deċennju Diġitali u d-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali".

[20] It-tabella ta' valutazzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp tal-2022 turi li l-investimenti tal-kumpaniji privati tal-Istati Uniti huma bejn 3 darbiet u 10 darbiet akbar minn dawk Ewropej. Pereżempju, l-Istati Uniti u ċ-Ċina flimkien huwa responsabbli għal aktar minn 80 % tal-EUR 25 biljun ta' investimenti annwali ta' ekwità fit-teknoloġiji tal-IA u tal-blockchain, filwaqt li l-EU 27 hija responsabbli biss għal 7 % ta' dan l-ammont globali, b'investiment ta' madwar EUR 1,75 biljun.

[21] Madwar 70 % tal-kontribuzzjoni hija mistennija li tiġi mill-RRF. Għal ħarsa ġenerali komprensiva ara SWD(2023)570 "L-implimentazzjoni tal-objettivi tad-Deċennju Diġitali u d-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali", il-Kapitolu 5 "It-twettiq tad-Deċennju Diġitali bl-investimenti tal-UE".

[22] SWD(2023)573 "Implimentazzjoni ta' proġetti multinazzjonali", Taqsima 1.1. Mekkaniżmu ġdid ta' implimentazzjoni għal proġetti multinazzjonali.

[23] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1–78, u l-aġġornamenti tiegħu, l-aktar reċentement bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1315 tat-23 ta' Ġunju 2023, ĠU L 167, 30.6.2023, p. 1–90.

għat-tranżizzjonijiet diġitali tal-UE, jiffaċilitaw l-investimenti fit-teknoloġiji diġitali u l-konnettività. Dan jinkludi possibbiltajiet ġodda għall-ittestjar ta' ċentri ta' innovazzjoni diġitali u faċilitajiet ta' esperimentazzjoni, proġetti ambizzjużi ta' konnettività għall-varar ta' networks fissi tal-broadband, networks mobbli bħal networks tal-5G, kif ukoll networks ta' backhaul, biex tinkiseb infrastruttura ta' kwalità għolja f'żoni li jbatu minn kopertura insuffiċjenti tal-broadband, b'mod partikolari f'żoni rurali u remoti. Il-GBER rivedut irawwem ukoll l-għajnuna għal ċerti proġetti ta' interess komuni, iffinanzjati bħala parti mill-FNE2 jew mogħtija Sigill ta' Eċċellenza bħala parti mill-FNE2, partikolarment rilevanti għal kurituri 5G transfruntieri u ċerti networks ewlenin u kejbils sottomarini. Il-GBER rivedut jeskludi wkoll min-notifika ċerti miżuri ta' għajnuna fil-forma ta' vawċers għall-konsumaturi biex jiġu ffaċilitati t-telexogħol, l-edukazzjoni online, is-servizzi ta' taħriġ jew għall-SMEs, dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-opportunità tad-Deċennju Diġitali biex jadottaw approċċ ta' gvern sħiħ għall-isforzi tad-diġitalizzazzjoni, li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati u jnaqqas il-piż amministrattiv. Dan għandu jsir, b'mod partikolari, permezz tal-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom, biex tiġi kkonsolidata, issimplifikata u kkoordinata l-azzjoni politika fil-livelli kollha ta' governanza, biex l-investiment jiġi xprunat biex jitħaffef il-progress lejn l-objettivi u l-miri ġenerali, kif ukoll biex jissaħħaħ l-involviment tagħhom fl-MCPs u fix-xogħlijiet preparatorji għall-istabbiliment tal-EDICs biex jiġi aċċellerat it-twettiq ta' proġetti diġitali komuni ġodda.

L-Istati Membri huma mħeġġa jiddeskrivu fil-pjanijiet direzzjonali nazzjonali li ġejjin u l-aġġustamenti sussegwenti – filwaqt li jintegraw, fejn xieraq, pjanijiet direzzjonali reġjonali - kif jiġu indirizzati l-objettivi ġenerali tal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali u kif il-proċess biex dawn jintlaħqu jiġi mmonitorjat u vvalutat fil-livell nazzjonali.

Sabiex terġa' tinkiseb it-tmexxija teknoloġika u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, l-Istati Membri huma mħeġġa jżidu b'mod effettiv l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni diġitali fis-setturi kollha. B'mod partikolari, għandhom ifittxu li jilħqu l-mira tan-nefqa pubblika u privata ta' 3 % tal-PDG[24] u jinvestu f'infrastrutturi u teknoloġiji kritiċi kif ukoll fi proġetti ta' interess strateġiku għas-sovranità diġitali tal-UE.

L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għall-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-investiment u r-riformi biex japprofondixxu s-suq uniku, li huwa fattur essenzjali għall-aċċellerazzjoni ta' trasformazzjoni diġitali bbażata fl-UE.

3. Trasformazzjoni diġitali għal Ewropa sovrana u kompetittiva

Id-Deċennju Diġitali tal-UE qed jiġi fformat madwar l-ambizzjoni li jagħti s-setgħa lil UE diġitalment aktar sovrana, reżiljenti u kompetittiva. F'dan il-kuntest, l-infrastrutturi diġitali, b'mod partikolari l-konnettività, huma s-sinsla tat-trasformazzjoni diġitali tal-UE, u d-diġitalizzazzjoni tan-negozji hija essenzjali biex jitrawmu sistemi diġitali Ewropej b'saħħithom

[24] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa, ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1–9.

u biex jiżdiedu l-kapaċità u l-għarfien diġitali tal-UE. Il-progress f'dawn il-punti kardinali[25] huwa essenzjali biex jitrawmu l-ħolqien u l-avvanz tal-atturi diġitali globali Ewropej, li se jfasslu l-mudelli tan-negozju ta' għada u se jsawru teknoloġiji u applikazzjonijiet diġitali li jinkorporaw il-valuri Ewropej u jikkontribwixxu għall-interessi tal-UE.

It-taqsimiet li ġejjin jimmonitorjaw il-progress fir-rigward ta' dawn iż-żewġ punti kardinali. L-analiżi titlesta permezz ta' monitoraġġ tal-progress anke fir-rigward tal-objettivi tad-Deċennju Diġitali relatati maċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza, filwaqt li jitqiesu l-importanza u r-rilevanza tagħhom fir-rigward tal-kuntest kurrenti.

3.1 Punt kardinali: infrastrutturi diġitali

Id-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali tistabbilixxi erba' miri fir-rigward tal-infrastrutturi diġitali. L-ewwel nett, il-kopertura tal-gigabits għandha tkun disponibbli għal kulħadd u għandu jkun hemm networks bi prestazzjoni tal-5G fiż-żoni popolati kollha. It-tieni, l-UE għandha tipproduċi mill-anqas 20 % tas-semikondutturi l-aktar avvanzati fid-dinja. It-tielet, l-UE għandha tvara mill-anqas 10 000 nodu periferiku newtrali għall-klima u siguri ħafna. Ir-raba', l-UE għandha tgħammar lilha nnifisha bl-ewwel kompjuter b'aċċellerazzjoni kwantistika sal-2025.

3.1.1 Mira: networks tal-gigabits u bla fili ta' veloċità għolja għal kulħadd

Ewrobarometru 2023*: biex jiġi ffaċilitat l-użu ta' kuljum tagħhom tat-teknoloġiji diġitali,* ***tlieta minn erba'*** *Ewropej jenfasizzaw il-ħtieġa għal* ***konnettività aħjar,*** *speċifikament disponibbiltà aħjar ta' konnessjoni tal-internet b'veloċità għolja (76 %) u affordabbiltà akbar ta' dawn il-konnessjonijiet (75 %).*

Il-konnettività fissa u mobbli hija prerekwiżit u faċilitatur essenzjali għat-trasformazzjoni u l-inklużjoni diġitali, kif rifless fid-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali. L-UE qed toqrob lejn mument determinant fejn servizzi ġodda ta' konnettività se joħorġu malajr mill-iżviluppi teknoloġiċi u mis-sinerġiji bejn l-infrastrutturi terrestri, spazjali u tal-baħar. Il-kwistjoni hija importanti ħafna minħabba li l-attività permessa mill-5G u mis-6G huma stmati li jiġġeneraw EUR 3 triljun fi tkabbir globali sal-2030[26]. Biex dan isir realtà se jkun hemm bżonn ta' sforz sinifikanti fi ħdan taħlita ta' politiki li tassoċja l-inċentivi regolatorji, il-kooperazzjoni fl-MCPs u l-finanzjament.

Fil-bidu tad-Deċennju Diġitali, l-UE għadha 'l bogħod milli tilħaq il-miri tal-konnettività tad-Deċennju Diġitali. In-networks tal-fibra, li huma kritiċi biex tiġi pprovduta konnettività tal-gigabits, jilħqu biss 56 % tal-unitajiet domestiċi. Filwaqt li l-kopertura tal-popolazzjoni tal-5G hija ta' 81 %[27], il-varar ta' networks awtonomi tal-5G għadu lura. Il-5G għadu lura fil-kwalità fir-rigward tal-aspettattivi tal-utenti finali u l-ħtiġijiet tal-industrija, kif ukoll fl-

[25] Id-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali tistabbilixxi miri diġitali miġbura f'erba' punti kardinali, li ġew identifikati għall-ewwel darba fil-Komunikazzjoni dwar il-Kumpass Diġitali (COM/2021/118 final) bħala oqsma ewlenin għat-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi.

[26] McKinsey Global Institute, Connected world: An evolution in connectivity beyond the 5G revolution, 2020.

[27] Ara https://5gobservatory.eu/observatory-overview/interactive-5g-scoreboard/

indirizzar tad-distakk bejn iż-żoni rurali u dawk urbani[28]. L-UE għadha lura f'termini ta' kopertura meta mqabbla mal-Istati Uniti, fejn 96 % tal-popolazzjoni hija koperta mill-5G[29].

Hemm ukoll anqas investiment fl-UE meta mqabbel mas-sħab kummerċjali ewlenin tagħha. L-investiment pubbliku fl-Istati Uniti dan l-aħħar laħaq USD 90 biljun fil-kuntest tal-Att dwar l-Investiment fl-Infrastruttura u l-Impjiegi u l-Pjan Amerikan ta' Salvataġġ biss[30]. Bħala paragun, fl-UE, filwaqt li saru disponibbli fondi mingħajr preċedent biex jappoġġaw il-progress lejn il-miri tal-konnettività tal-2030, dawn jammontaw għal ftit aktar minn EUR 23 biljun f'għotjiet disponibbli, taħt programmi tal-UE għall-perjodu ta' programmazzjoni tal-2021-2027, inklużi madwar EUR 16-il biljun taħt l-RRF[31]. Barra minn hekk, bejn l-2014 u l-2021, EUR 53,71 biljun ta' għajnuna mill-Istat għall-broadband kienu diġà ġew approvati jew ikkomunikati lill-Kummissjoni. F'termini ta' investiment totali ta' kapital fiss fil-fibra u l-5G *per capita* aġġustat għall-PDG, fl-UE ġew investiti EUR 104 biss meta mqabbla ma' EUR 260 fil-Ġappun, EUR 150 fl-Istati Uniti u EUR 110 fiċ-Ċina[32]. Studju tal-JRC dwar il-parametraġġ referenzjarju internazzjonali tal-investimenti diġitali jippreżenta stampa simili, u sab li l-investimenti privati (il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss) fit-tagħmir tat-telekomunikazzjoni mis-settur tal-ICT tal-Istati Uniti laħqu EUR 590 biljun bejn l-2014 u l-2020, li jirrappreżentaw id-doppju tal-ammont investit mis-settur tal-ICT tal-UE (EUR 277 biljun), u 1,8 darbiet l-ammont investit mill-UE wara l-korrezzjoni tal-PDG[33].

Din is-sitwazzjoni jeħtieġ li tiġi analizzata wkoll meta titqies l-iskala differenti miksuba mill-operaturi attivi fl-UE meta mqabbla ma' dawk fl-Istati Uniti. Filwaqt li ftit operaturi Ewropej huma attivi f'diversi Stati Membri, l-ebda wieħed minn dawn l-operaturi ma jikkompara mal-iskala miksuba mill-operaturi fis-suq tal-Istati Uniti, fejn ħames operaturi joffru networks fissi jew mobbli madwar il-pajjiż kollu.

L-investiment fil-konnettività, inkluż f'żoni rurali u remoti, huwa kruċjali biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-opportunitajiet u l-attivitajiet diġitali li jirrikjedu veloċitajiet dejjem aktar għoljin, b'mod partikolari f'konformità mad-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali. Bħalissa, aktar minn nofs l-unitajiet domestiċi rurali (55 %) għad ma huma moqdija minn ebda network fiss ta' kapaċità għolja ħafna minkejja l-progress fil-varar tal-fibra sal-binjiet; 65,3 % taż-żoni rurali popolati ma humiex koperti mill-5G; u 9 % tal-unitajiet

[28] Il-KPI kurrenti għall-mira tal-5G ma jqisx il-kwalità tas-servizz ipprovdut f'kundizzjonijiet tal-aktar użu. Sfida ewlenija se tkun l-iżgurar li n-networks varati jirrispondu għal ħtiġijiet futuri, b'mod partikolari li jappoġġaw setturi ewlenin tal-industrija u applikazzjonijiet kritiċi li se jkunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi u għan-negozji fis-setturi kollha. Sabiex titkejjel il-prontezza tal-Istati Membri li jegħlbu din l-isfida, huwa meħtieġ eżami ulterjuri għat-tisħiħ u għat-twessigħ tal-qafas tal-kejl għall-5G. Ara C(2023) 7500 "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi t-trajettorji mbassra fil-livell tal-Unjoni għall-miri diġitali"

[29] ETNO, *State of Digital Communications 2023*. *"Il-kopertura tal-5G qed toqrob lejn 96 % fl-Istati Uniti, 95 % fil-Korea t'Isfel, 90 % fil-Ġappun u 86 % fiċ-Ċina."*

[30] Ara r-rispons tal-Istati Uniti f'din il-ħolqa.

[31] SWD (2023)570 "L-implimentazzjoni tal-objettivi tad-Deċennju Diġitali u d-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali", l-Anness 5 It-Twettiq tad-Deċennju Diġitali bl-investimenti tal-UE. Lil hinn mill-finanzjament tal-RRF, l-istima ta' aktar minn EUR 23 biljun f'għotjiet tinkludi aktar minn EUR 4 biljun f'finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, madwar EUR 1 biljun minn Orizzont 2020/Orizzont Ewropa u madwar EUR 1 biljun f'finanzjament tal-FNE. Ingħata finanzjament addizzjonali fil-forma ta' strumenti finanzjarji (jiġifieri, permezz ta' InvestEU u l-Fond għall-Broadband Nikkollegaw l-Ewropa).

[32] ETNO, *State of Digital Communications 2023*, p. 31.

[33] Parametraġġ referenzjarju internazzjonali tal-investimenti fl-oqsma tematiċi tad-Deċennju Diġitali, JRC, 2023

domestiċi rurali għad ma huma koperti minn ebda network fiss[34]. Filwaqt li jibnu fuq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[35], dawk l-investimenti jeħtieġ li jiżguraw il-konnettività anke għal persuni vulnerabbli u għal dawk f'riskju ogħla ta' esklużjoni jew b'anqas saħħa ekonomika, bħal persuni anzjani u persuni b'diżabilità.

Id-distakk li jifdal bejn il-kopertura totali u dik rurali jindika li hemm bżonn ta' aktar investiment biex jiġu żgurati kopertura sħiħa tal-gigabits fis-suq uniku kollu u kopertura tal-5G fiż-żoni popolati, biex b'hekk jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali. L-ilħuq tal-miri tad-Deċennju Diġitali għall-konnettività tal-gigabits u tal-5G jista' jirrikjedi investiment totali ta' sa EUR 148 biljun, jekk in-networks fissi u mobbli jiġu varati b'mod indipendenti u jiġi varat "5G sħiħ" li joffri liċ-ċittadini u lin-negozji Ewropej il-kapaċitajiet sħaħ li jistgħu jiġu offruti min-networks mobbli tal-5G. Jistgħu jkunu meħtieġa EUR 26-79 biljun oħra f'investiment biex tiġi żgurata kopertura sħiħa tal-mogħdijiet tat-trasport inklużi t-toroq, il-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma, li jwasslu l-investiment totali meħtieġ għal aktar minn EUR 200 biljun[36]. Hekk kif joqrob l-2030, l-użu aktar intensiv u industrijali tal-konnettività għax-xenarji tal-internet 4.0, u r-rekwiżiti dejjem jiżdiedu tas-sigurtà, x'aktarx li jkomplu jżidu aktar il-ħtiġijiet tal-investiment. Jista' jkun meħtieġ finanzjament pubbliku biex jikkomplementa l-investiment privat fejn meħtieġ, sabiex in-nuqqasijiet tas-suq jiġu indirizzati b'mod adegwat f'konformità mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat[37]. Dawk l-investimenti pubbliċi jeħtieġ li jiżguraw li l-konnettività tkun ukoll realtà għall-persuni vulnerabbli u għal dawk li jinsabu f'riskju ogħla ta' esklużjoni jew b'anqas setgħa ekonomika, bħall-persuni anzjani u l-persuni b'diżabilità.

Il-konnettività spazjali qed issir aktar kritika għas-sovranità u t-tmexxija teknoloġika tal-UE. Il-broadband bis-satellita jista' jġib servizzi tal-broadband b'veloċitajiet ta' download ta' sa 100 Mbps għal żoni rurali u remoti ħafna, fejn ma jkun hemm l-ebda network fiss jew mobbli ta' kapaċità għolja ħafna disponibbli, anke jekk l-affordabbiltà tibqa' kruċjali biex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni f'dawn iż-żoni. Dawn jistgħu jipprovdu wkoll servizzi ta' emerġenza reżiljenti f'sitwazzjonijiet ta' diżastri jew ta' kriżi. Bit-tnedija tal-programm dwar l-infrastruttura għar-reżiljenza, l-interkonnettività u s-sigurtà (IRIS^2) fl-2022, l-UE qed tafferma r-rieda tagħha li ssir attur ewlieni fil-politika spazjali. B'baġit inizjali tal-UE ta' EUR 2,4 biljun, IRIS^2 jagħmel l-ispazju mod kif jissaħħu l-awtonomija, il-konnettività u r-reżiljenza tagħna. Il-kostellazzjoni satellitari ta' IRIS^2 se tipprovdi network sigur għall-gvernijiet tal-UE, li se jkun aktar stabbli kontra ċ-ċiberattakki permezz ta' kriptaġġ kwantistiku bi kjavi.

L-UE teħtieġ ukoll li żżid l-isforzi tagħha biex ittejjeb is-sigurtà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni kritika tagħha. L-iżgurar tar-**reżiljenza u s-sigurtà tan-networks tal-5G** huwa kritiku minħabba l-importanza tal-infrastruttura tal-konnettività għall-ekonomija diġitali u d-dipendenza ta' ħafna servizzi kritiċi fuq in-networks tal-5G f'pajjiżi mhux tal-UE. L-applikazzjoni sħiħa tas-sett ta' għodod tal-5G u l-applikazzjoni eventwali tar-**restrizzjonijiet**

[34] SWD (2023)571 "Il-punti kardinali tad-Deċennju Diġitali: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi".

[35] Il-prinċipju 20 dwar l-aċċess għal servizzi essenzjali jiddikjara li kulħadd għandu jkollu aċċess għall-komunikazzjonijiet diġitali u li l-appoġġ għall-aċċess għandu jkun disponibbli għal dawk fil-bżonn.

[36] Ara WIK Consult, cit.

[37] Ara b'mod partikolari l-Linji Gwida riveduti dwar l-għajnuna mill-Istat għan-networks tal-broadband, ĠU C 36, 31.1.2023, p. 1–42, u l-possibbiltajiet tal-GBER deskritti fit-Taqsima 2.

fuq fornituri ta' riskju għoli għal assi ewlenin fl-UE se jkunu essenzjali[38]. Avvenimenti reċenti wrew ukoll il-vulnerabbiltà tal-infrastruttura ewlenija tal-UE, inklużi **n-networks sottomarini**. 99 % tat-tranżitu tal-komunikazzjonijiet diġitali tad-dinja permezz tan-network globali tal-kejbil u madwar USD 10 triljun fi tranżazzjonijiet finanzjarji jintbagħtu permezz ta' dawn il-kejbils kuljum[39]. L-UE jeħtieġ li tħaffef l-isforzi tagħha biex tiżgura s-sovranità diġitali, is-sigurtà tal-provvista u l-kompetizzjoni f'dan is-suq.

B'mod ġenerali, il-bidliet sinifikanti fis-suq u fit-teknoloġija għall-konnettività ifissru investimenti addizzjonali kbar u huma meħtieġa miżuri regolatorji mmirati biex tingħata spinta lill-varar tan-network, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u bix jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni esploratorja mal-partijiet ikkonċernati dwar il-futur tas-settur tal-konnettività u l-infrastruttura tiegħu mit-23 ta' Frar sad-19 ta' Mejju 2023. L-objettiv tal-konsultazzjoni kien li jinġabru fehmiet dwar ix-xenarju teknoloġiku u tas-suq li qed jinbidel u kif dan jista' jaffettwa s-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi kif ukoll it-tipi ta' infrastruttura li l-UE tirrikjedi biex tmexxi t-trasformazzjoni diġitali fis-snin li ġejjin.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

L-Istati Membri għandhom jadattaw l-istrateġiji tagħhom, imexxu l-investimenti u jieħdu l-inizjattivi ta' politika meħtieġa biex jilħqu l-miri ta' konnettività tad-Deċennju Diġitali, b'mod partikolari billi jimmappjaw in-nuqqasijiet ta' konnettività tagħhom u jesploraw il-finanzjament biex jikkomplementaw l-investiment privat f'żoni li ma humiex kummerċjalment vijabbli, inklużi żoni rurali u remoti u reġjuni ultraperiferiċi.

L-Istati Membri għandhom jikkomplementaw l-isforzi biex tintlaħaq il-mira ta' konnettività tal-5G tad-Deċennju Diġitali f'termini tal-varar tan-network b'inizjattivi ta' politika li għandhom l-għan li jaċċelleraw l-adozzjoni tal-5G minn persuni privati u minn negozji fis-setturi kollha.

L-Istati Membri, inklużi r-regolaturi nazzjonali, għandhom iħaddnu bis-sħiħ il-karattru favur l-investiment tal-qafas regolatorju tal-UE u jimmiraw li jibagħtu s-sinjali t-tajba lill-komunità tal-investiment.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-riformi kollha meħtieġa, filwaqt li jibnu fuq dawk identifikati fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom, biex inaqqsu l-kostijiet tal-varar tan-network, jinċentivaw u jimmassimizzaw l-investiment privat fil-konnettività, u jistimulaw l-użu mill-ġdid tal-infrastruttura eżistenti u l-varar konġunt, filwaqt li jagħtu spinta lill-kompetizzjoni. L-Istati Membri huma mħeġġa jadottaw malajr l-Att dwar l-Infrastruttura tal-Gigabits sabiex il-kumpaniji li jinvestu fin-networks ikunu jistgħu jibbenefikaw mir-regoli l-ġodda mill-aktar fis possibbli.

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw bis-sħiħ il-miżuri tas-sett ta' għodod tal-5G tal-UE malajr, u b'mod partikolari japplikaw restrizzjonijiet fuq fornituri ta' riskju għoli, filwaqt li jqisu l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 2023 biex jipproteġu l-interessi

[38] It-tieni rapport dwar il-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà tal-5G, Ġunju 2023 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod taċ-Ċibersigurtà tal-5G, C(2023) 4049 final, il-15 ta' Ġunju 2023.

[39] Il-Parlament Ewropew, id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tal-Unjoni, Bueger, C., Liebetrau, T., Franken, J., *Security threats to undersea communications cables and infrastructure: consequences for the EU: in-depth analysis*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, doi:10.2861/35332.

essenzjali tas-sigurtà tal-UE, inaqqsu d-dipendenzi kritiċi u jappoġġaw l-objettivi tat-tneħħija tar-riskji ekonomiċi.

L-Istati Membri għandhom jagħtu spinta lill-isforzi tagħhom, inkluż permezz ta' investimenti meħtieġa, biex jiżguraw li l-infrastrutturi diġitali Ewropej ikunu siguri u reżiljenti, speċjalment l-infrastruttura ewlenija u l-kejbils sottomarini.

3.1.2 Mira: semikondutturi

Is-semikondutturi huma essenzjali għat-teknoloġiji diġitali kollha u l-ktajjen tal-provvista tagħhom huma ta' natura globali. Il-konċentrazzjoni għolja tal-produzzjoni tas-semikondutturi fil-pajjiżi Asjatiċi aggravat il-fraġilità tal-katina tal-provvista tas-semikondutturi. Il-kompetizzjoni dejjem akbar għat-tmexxija fil-qasam tas-semikondutturi wasslet għal investimenti sostanzjali mill-ekonomiji industrijalizzati ħafna kollha biex jiżviluppaw il-kapaċità domestika[40]. Madankollu, peress li impjanti ġodda tal-manifattura u programmi estensivi tar-riċerka u l-iżvilupp jirrikjedu biljuni f'investimenti, l-ebda reġjun jew attur waħdu ma għandu kapaċitajiet minn tarf sa tarf għad-disinn u l-manifattura tas-semikondutturi[41].

It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-UE fis-settur tas-semikondutturi u l-bini ta' katina reżiljenti tal-produzzjoni tas-semikondutturi, huma sfida ewlenin li jirrikjedu investimenti kbar[42]. L-UE għandha punti ta' saħħa ewlenin fir-riċerka u l-iżvilupp u fit-tagħmir tal-manifattura. Madankollu, minbarra l-manifattura avvanzata, l-UE trid tindirizza d-dgħufijiet kurrenti fid-disinn taċ-ċipep u fl-imballaġġ u fl-assemblaġġ, li jirrappreżentaw parti sinifikanti mill-valur miżjud fil-katina tal-provvista. L-atturi Ewropej kollha se jkollhom jagħmlu sforz sinifikanti biex jilħqu l-mira ambizzjuża ħafna tad-Deċennju Diġitali. Fil-fatt, biex tintlaħaq il-mira, il-valur tad-dħul tal-UE mis-semikondutturi jista' jkollu bżonn jiżdied b'erba' darbiet sal-2030 minħabba li d-domanda għaċ-ċipep se tikber b'mod rapidu u hija mistennija li taqbeż USD 1 triljun sal-2030, u essenzjalment se tirdoppja l-valur tagħha f'dan id-deċennju.

F'dan l-isfond, l-**Att tal-UE dwar iċ-Ċipep** għandu l-għan li jibni fuq il-punti b'saħħithom tal-Ewropa u li jindirizza d-dgħufijiet li fadal, filwaqt li jistabbilixxi miżuri għat-tħejjija, l-antiċipazzjoni u r-rispons għal interruzzjonijiet futuri fil-katina tal-provvista. L-Att huwa akkumpanjat minn qafas ta' għajnuna mill-Istat immirat u mfassal tajjeb[43] li diġà żgura l-mobilizzazzjoni rapida tal-fondi b'appoġġ għall-objettivi tal-Att dwar iċ-Ċipep[44]. L-Att tal-UE dwar iċ-Ċipep se jagħti spinta lill-potenzjal kbir tal-UE għall-iżvilupp u l-manifattura taċ-ċipep f'oqsma importanti bħall-karozzi, l-awtomatizzazzjoni industrijali, l-internet tal-oġġetti, l-ajruspazju, id-difiża, iċ-ċentri tad-*data*, it-telekomunikazzjoni u l-kura tas-saħħa.

Pass fundamentali f'dan ir-rigward huwa rrappreżentat ukoll mill-**Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni**

[40] Il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Carrara, S., Bobba, S., Blagoeva, D., et al., *Supply chain analysis and material demand forecast in strategic technologies and sectors in the EU: a foresight study*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, doi:10.2760/386650.

[41] McKinsey, *Semiconductor design and manufacturing: Achieving leading-edge capabilities*, Awwissu 2020.

[42] SWD (2023)570 "L-implimentazzjoni tal-objettivi tad-Deċennju Diġitali u d-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali"

[43] COM/2022/45 final, Komunikazzjoni "Att dwar iċ-Ċipep għall-Ewropa".

[44] Ara d-deċiżjoni tal-04.10.2022 fil-Kawża SA.103083 - *RRF - STMICROELECTRONICS S.R.L. (ST) – IMPJANT ĠDID ta' SOTTOSTRATI TA' SIC F'KATANJA,* u deċiżjoni tas-27.04.2023 fil-Kawża SA.102430 - *FR - Project Liberty - Impjant ġdid ta' manifattura ta' semikondutturi minn STMicroelectronics u GlobalFoundries.*

(IPCEI ME/CT), li ġie approvat mill-Kummissjoni f'Ġunju 2023. Dan l-IPCEI jinvolvi 19-il Stat Membru, 56 kumpanija u aktar minn 40 parteċipant assoċjat u jimmobilizza EUR 21 biljun ta' investimenti privati u pubbliċi għal 68 proġett multinazzjonali fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fl-ewwel varar industrijali. Se jikkontribwixxi għall-avvanz teknoloġiku ta' ħafna setturi, inklużi l-komunikazzjonijiet (5G u 6G), is-sewqan awtonomu, l-IA u l-computing kwantistiku[45].

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

L-Istati Membri għandhom jistimulaw id-disinn taċ-ċipep domestiċi u l-kapaċitajiet tal-manifattura, iżidu l-ħiliet lokali f'teknoloġiji avvanzati fis-setturi kollha u jsaħħu l-involviment mal-ekosistema Ewropea.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istandards, iċ-ċertifikazzjoni u r-rekwiżiti komuni li ġejjin għaċ-ċipep siguri, inklużi r-rekwiżiti tas-sigurtà u l-ispeċifikazzjonijiet relatati bbażati fuq il-prestazzjoni jitqiesu fl-offerti pubbliċi, fejn ikun fattibbli (pereżempju, għan-networks tal-komunikazzjoni jew għall-infrastrutturi tad-data).

L-Istati Membri huma mistiedna jipparteċipaw fil-Bord Ewropew tas-Semikondutturi li jmiss, fost l-oħrajn biex jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi tal-istess fehma.

3.1.3 Mira: nodi periferiċi

L-iżvilupp ta' nodi periferiċi se jirrappreżenta bidla fundamentali għall-ħżin u l-ipproċessar tad-*data*, billi jimxi lejn mudell ferm aktar iddeċentralizzat (jiġifieri eqreb tal-utenti, fuq l-apparati mobbli, tal-kompjuter, ibbażati fil-karozzi jew lokali fl-ibliet tagħhom), u jnaqqas il-volum ta' *data* li jeħtieġ li tiġi trażmessa fuq in-network, filwaqt li jtejjeb il-prestazzjoni ġenerali tal-cloud computing. L-infiq globali fuq l-edge computing qed jiżdied b'mod kostanti: laħaq EUR 190 biljun fl-2023, żieda ta' 13,1 % matul l-2022, u huwa mistenni li jilħaq kważi EUR 289 biljun fl-2026[46]. Sal-2025, l-edge computing se jikkomplementa l-cloud computing għal kważi kull intrapriża[47].

L-iżvilupp ta' nodi periferiċi fl-UE jinsab fi stadju bikri ħafna bi tliet okkażjonijiet ta' varar kummerċjali totali biss ta' edge computing fl-Ewropa fl-2022, flimkien ma' avviżi ta' sħubijiet u ta' proġetti pilota fi 18-il Stat Membru[48], ferm 'il bogħod mill-objettiv ta' 10 000 nodu periferiku sigur u sostenibbli sal-2030. Is-suċċess fl-ilħuq ta' din il-mira se jirrikjedi enfasi kollettiva fuq l-istabbiliment ta' ekosistema sħiħa, ibbażata fuq taħlita ta' ħiliet, infrastruttura, sigurtà, innovazzjoni u kooperazzjoni pubblika u privata.

Bħala bidu, l-UE stabbiliet sett komprensiv ta' miżuri, b'mod partikolari bl-appoġġ tal-**Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni għall-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (IPCEI-CIS),** biex tiżgura żvilupp rapidu u bbilanċjat bl-objettiv li tiġi evitata qasma. Distakk jimplika distribuzzjoni mhux ugwali ta' opportunitajiet ekonomiċi

[45] Ara d-deċiżjoni tat-8 ta' Ġunju 2023 fil-Kawżi SA.101202 (l-Awstrija), SA.101141 (iċ-Ċekja), SA.101143 (il-Finlandja), SA.101193 (Franza), SA.101129 (il-Ġermanja), SA.101210 (il-Greċja), SA.101151 (l-Irlanda), SA.101186 (l-Italja), SA.101201 (Malta), SA.101171 (in-Netherlands), SA.101175 (il-Polonja), SA.101192 (ir-Rumanija), SA.101200 (is-Slovakkja) u SA.101150 (Spanja).

[46] Ara l-Gwida tal-IDC dwar l-Infiq fl-Edge.

[47] Ara https://www.gartner.com/en/doc/750789-infographic-understanding-edge-computing.

[48] ETNO, *l-Istat tal-Komunikazzjonijiet Diġitali 2023*, Frar 2023.

għall-kumpaniji u jillimita l-użu transfruntier ta' applikazzjonijiet kritiċi għal-latenza bħal sewqan awtonomu, li jkollu konsegwenzi għall-kompetittività tal-UE.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

L-Istati Membri għandhom iqisu l-iżvilupp ta' kapaċitajiet tal-edge computing flimkien ma' strateġiji u programmi ta' investiment li jindirizzaw il-cloud, l-IoT u l-IA, u jrawmu sinerġiji mal-varar tal-5G.

L-Istati Membri huma mistiedna jimmobilizzaw l-għodod ta' politika eżistenti biex jiżguraw li l-varar ta' nodi periferiċi jkun qed iseħħ ukoll f'żoni remoti kif xieraq.

F'konformità mal-miri tal-2030, l-Istati Membri għandhom iqisu s-sostenibbiltà u s-sigurtà bħala kunsiderazzjonijiet importanti fl-għażla tat-teknoloġija li se tintuża, kif ukoll il-ħtieġa li l-ħaddiema jingħataw il-livell għoli ta' ħiliet diġitali meħtieġa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-varar tal-edge computing fl-Ewropa kollha.

3.1.4 Mira: computing kwantistiku

It-teknoloġiji kwantistiċi huma strateġiċi għall-UE, minħabba r-rwol fundamentali tagħhom fl-ekosistemi diġitali futuri u l-impatt ekonomiku u soċjali estensiv tagħhom, inkluż permezz ta' applikazzjonijiet tas-sigurtà, tad-difiża u tal-ispazju. Inevitabbilment, l-iżviluppi kwantistiċi jiffaċċaw l-istess sfidi ġeoekonomiċi u ta' sigurtà diffiċli bħas-semikondutturi.

Bi kważi EUR 7 biljun ikkombinati, l-Ewropa tinsab biss wara ċ-Ċina fl-investiment pubbliku fil-kwantistika[49]. L-inizjattivi nazzjonali għandhom l-għan li jiżviluppaw l-eċċellenza fir-riċerka tal-Ewropa f'ekosistemi kwantistiċi sħaħ. Mill-2021, mill-anqas tmien Stati Membri nedew programmi nazzjonali kwantistiċi jew fil-forma ta' konsorzji (pereżempju, l-Ungerija u l-Portugall) jew permezz ta' skemi diretti ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp iddedikati għat-teknoloġiji kwantistiċi (pereżempju, l-Awstrija), li spiss jimmobilizzaw finanzjament sinifikanti f'pajjiżi bħall-Ġermanja (EUR 2 biljun, 2021)[50], Franza (EUR 1,8 biljun, 2021)[51] u n-Netherlands (EUR 615-il miljun, 2021)[52].

Madankollu, **huma meħtieġa sforzi aktar ikkoordinati**, b'mod partikolari biex tinħoloq ekosistema vibranti ta' organizzazzjonijiet tar-riċerka u negozji ġodda. Minkejja t-tnedija tal-programm Quantum Flagship fl-2018[53], fil-fatt jista' jiġi osservat distakk sostanzjali bejn l-UE u għadd ta' reġjuni ewlenin oħrajn tad-dinja fir-rigward tal-investimenti tas-settur privat fil-kwantistika (pereżempju l-Istati Uniti), f'kuntest fejn madwar 25 % tal-parteċipanti tal-industrija kwantistika globalment huma bbażati fl-Ewropa, fejn jinsab anqas minn 5 % tal-finanzjament globali.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

L-Istati Membri għandhom jgħinu biex jiġu indirizzati r-riskji kurrenti u futuri tal-katina tal-provvista u jipprovdu appoġġ lin-negozji ġodda fl-ekosistema kwantistika li għadha fil-bidu, f'termini ta' ħtiġijiet teknoloġiċi u espansjoni.

[49] McKinsey, *Quantum computing funding remains strong, but talent gap raises concerns*, 15 ta' Ġunju 2022.
[50] Ara Quantum technologies – from basic research to market (quantentechnologien.de)
[51] Ara Investir dans la France de 2030 | Strategie quantique : lancement d'une plateforme nationale de calcul quantique (gouvernement.fr)
[52] Ara Quantum technologies and value chains: Why and how Europe must act now (epc.eu)
[53] Ara Quantum Technology | The future is Quantum (qt.eu)

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-Kummissjoni fl-immappjar u fir-rivalutazzjoni perjodika tal-pożizzjoni tal-ekosistema kwantistika tal-UE fil-ktajjen tal-valur internazzjonali u l-aċċess tagħha għal komponenti u materjali kritiċi.

L-Istati Membri huma mistiedna jikkontribwixxu għad-definizzjoni ta' pjan direzzjonali komuni tal-UE, proċeduri konġunti ta' akkwist u arranġamenti għall-istabbiliment ta' infrastruttura kwantistika federata.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parteċipazzjoni fil-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-inizjattivi kwantistiċi tikkontribwixxi għall-kisba tal-interessi strateġiċi tal-Ewropa.

3.2 Punt kardinali: diġitalizzazzjoni tan-negozji

Id-diġitalizzazzjoni tan-negozji hija wieħed mill-aktar elementi kurrenti kruċjali għas-suċċess u t-tkabbir tal-ekonomija f'ambjent volatili ħafna. F'kuntest ta' ambjent ekonomiku volatili u inċertezza tal-ktajjen tal-provvista, id-diġitalizzazzjoni hija kruċjali għall-avvanz tal-mudelli tan-negozju tal-kumpaniji, għall-kisba ta' effiċjenza akbar u għat-trawwim tar-reżiljenza tagħhom, kif ukoll għall-esplorazzjoni ta' opportunitajiet ġodda u għall-ġenerazzjoni ta' flussi ġodda ta' dħul, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). F'termini ta' kompetittività, id-diġitalizzazzjoni qed tikkontribwixxi b'mod qawwi għat-tkabbir u ż-żieda fil-produttività, it-titjib tal-kapaċità għad-diversifikazzjoni u l-għajnuna biex jitnaqqsu l-piż amministrattiv u l-kostijiet relatati.

Id-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali tistabbilixxi tliet miri fir-rigward tat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji. L-ewwel nett, mill-anqas 75 % tal-intrapriżi tal-UE għandhom ikunu adottaw servizzi tal-cloud computing, big data, u/jew IA. It-tieni, aktar minn 90 % tal-SMEs tal-UE għandhom ikunu laħqu mill-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali. It-tielet, l-UE tiffaċilita t-tkabbir tan-negozji innovattivi tagħha li qed jespandu u ttejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzi, li mill-inqas iwassal biex l-għadd ta' unicorns jirdoppja.

3.2.1 Mira: adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali

L-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali mill-kumpaniji Ewropej għadha ferm taħt dawn il-miri tad-Deċennju Diġitali, b'mod partikolari dawk għall-adozzjoni tal-IA u tal-big data. Skont it-tendenzi kurrenti, u mingħajr aktar investiment u inċentivi, il-miri mhux se jintlaħqu sal-2030: it-trajettorja tal-linja bażi prevista tindika li 66 % biss tan-negozji se jużaw il-cloud, 34 % il-big data u 20 % l-IA, ferm 'il bogħod mill-objettiv ta' 75 % stabbilit għall-2030[54]. Tħassib ewlieni ieħor huwa s-settur tal-forniturі tas-servizzi tad-*data*, li qed isir dejjem aktar iddominat minn atturi mhux Ewropej. Anke f'kuntest ta' tkabbir sinifikanti fis-suq, is-sehem mis-suq tal-forniturі tal-cloud Ewropej naqas minn 26 % fl-2017 għal 16 % fl-2020[55].

Il-Kummissjoni ffokat fuq il-kombinazzjoni ta' leġiżlazzjoni u governanza adatti għall-iskop mal-investiment fl-istandards, fl-għodod, fl-infrastrutturi, fil-kapaċitajiet ta' innovazzjoni u fil-ħiliet biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tad-*data*. L-**Att dwar il-Governanza tad-*Data*** joħloq ambjent regolatorju favorevoli permezz ta' miżuri li jippromwovu l-kondiviżjoni volontarja tad-*data* billi jtejbu l-fiduċja fl-iskambji tad-*data*, iżidu d-disponibbiltà tad-*data*, u jegħlbu l-ostakli tekniċi għall-użu mill-ġdid tad-*data*. L-**Att dwar id-*Data*** jikkomplementa dawn ir-

[54] C(2023) 7500 "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi t-trajettorji mbassra fil-livell tal-Unjoni għall-miri diġitali"

[55] Sinergy Research Group, *European Cloud Providers Double in Size but Lose Market Share*, il-21 ta' Settembru 2021.

regoli billi jiċċara l-aċċess legali għad-*data* u l-użu tagħha, li jwassal għal suq tad-*data* verament Ewropew b'titjib annwali fl-effiċjenza u fil-produttività stmat sa EUR 196,7 biljun sal-2028[56]. Barra minn hekk, il-**ħolqien ta' spazji tad-*data*** f'setturi ekonomiċi strateġiċi, bħas-saħħa, l-agrikoltura, l-enerġija, it-trasport u l-ambjent, se jipprovdi aċċess għal aktar *data* f'ambjent sigur u affidabbli u se tagħti lok għall-innovazzjoni bis-saħħa tal-appoġġ tal-programm Ewropa Diġitali. Fl-aħħar nett, l-adozzjoni tal-*Att dwar l-IA* għandha tipprovdi ċ-ċertezza legali meħtieġa biex tingħata spinta lill-adozzjoni tal-IA min-negozji fl-Ewropa[57].

Xi Stati Membri nedew inizjattivi biex irawmu l-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali min-negozji[58], iżda jeħtieġ li jsir aktar biex il-mira tad-Deċennju Diġitali tintlaħaq b'mod kollettiv.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ta' politika u jallokaw riżorsi biex jappoġġaw l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet affidabbli u sovrani ffaċilitati mill-IA mill-kumpaniji Ewropej.

L-Istati Membri għandhom irawmu d-disponibbiltà ta' appoġġ legali u tekniku għall-akkwist u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet affidabbli u sovrani għall-IA fis-setturi kollha. Dan jiffaċilita t-tranżizzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IA minn laboratorji tar-riċerka permezz ta' ambjenti ta' ttestjar għall-varar, l-adozzjoni u s-swieq kummerċjali. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw ukoll il-kollaborazzjoni attiva bejn il-kumpaniji permezz ta', pereżempju, is-Sħubija Ewropea dwar l-IA, id-Data u r-Robotika, iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali u l-Faċilitajiet għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni tal-IA.

L-Istati Membri huma mħeġġa jingħaqdu flimkien taħt l-EDIC jew skemi oħrajn biex jibnu b'mod konġunt mudelli tal-IA avvanzati bbażati fl-Ewropa, possibbilment anke permezz tal-EDIC propost fil-qasam tat-teknoloġiji tal-lingwi. Se jkunu meħtieġa aktar sforzi mill-Istati Membri biex jiġu żgurati teknoloġiji tal-IA ta' skop ġenerali sovrani (inklużi mudelli lingwistiċi kbar).

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw l-iżvilupp u l-varar ta' servizzi affidabbli, effiċjenti, sovrani, innovattivi u avvanzati tal-cloud computing, inkluż permezz ta' sforzi konġunti ta' disseminazzjoni u sfruttament/akkwist.

L-Istati Membri għandhom jistimulaw l-isforzi nazzjonali tal-adozzjoni tal-cloud permezz ta' investiment immirat lejn il-cloud, strateġiji ta' sfruttament għal soluzzjonijiet avvanzati tal-cloud fost in-negozji (b'mod partikolari l-SMEs) u billi jiżviluppaw programmi ddedikati għall-ħiliet, inkluż dwar is-sigurtà tal-cloud u l-prestazzjoni ambjentali.

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-kondiviżjoni tad-data b'mod sigur u affidabbli, inkluż permezz ta' kontribut għall-ispazji komuni Ewropej tad-data u billi jappoġġaw il-varar/l-akkwist usa' ta' soluzzjonijiet ta' big data.

[56] Studju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt għall-proposta għal Att dwar id-*Data*

[57] Dawn l-atti jikkomplementaw ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* li jistabbilixxi regoli relatati mal-moviment liberu tad-*data* personali.

[58] Bħala eżempju, Spanja nediet l-inizjattiva tal-Kitt Diġitali biex tippromwovi mekkaniżmi ta' kollaborazzjoni skalabbli, b'impatt għoli u pubbliċi-privati biex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs, u l-programm Aġenti tal-Bidla biex l-SMEs jingħataw għotjiet biex jimpjegaw esperti tat-trasformazzjoni diġitali.

3.2.2 Mira: intensità diġitali tal-SMEs

Il-progress lejn id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs għadu insuffiċjenti u pjuttost irregolari fl-UE kollha[59]. Għandu wkoll rata aktar baxxa milli fl-Istati Uniti[60]. Kif muri mill-aħħar stħarriġ tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), hemm darbtejn aktar SMEs b'portafoll internazzjonali tal-hekk imsejħa "privattivi 4IR" (IoT, cloud, 5G, IA) fl-Istati Uniti milli fl-UE[61]. Qafas ta' politika aktar ambizzjuż u kkoordinat huwa kruċjali għall-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni billi jiġu indirizzati l-lakuni fl-infrastruttura, it-titjib tal-ħiliet diġitali, l-iżvilupp tal-ambjent tal-innovazzjoni (speċjalment bl-użu ta' ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali) u r-regolamentazzjoni effiċjenti.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jsaħħu l-politiki u l-inċentivi tagħhom għall-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji.

L-Istati Membri għandhom iżidu l-għarfien dwar il-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji, jippromwovu ċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali (EDIHs) u s-servizzi li joffru, kif ukoll jiżguraw li dawn jiġu ffinanzjati b'mod adegwat.

L-Istati Membri huma mistiedna jħeġġu lin-negozji jużaw l-infrastrutturi, il-kapaċitajiet u s-servizzi diġitali li se jiġu varati permezz ta' proġetti multinazzjonali biex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tan-negozji.

3.2.3 Mira: unicorns

L-UE tidher li għamlet progress tajjeb dan l-aħħar fir-rigward ta' din il-mira, bl-analisti[62] jindikaw ukoll tkabbir qawwi fl-għadd ta' unicorns ibbażati fl-UE fl-aħħar 10 snin. Jekk din it-tendenza tkompli[63], l-UE x'aktarx li tilħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali dwar l-għadd ta' unicorns f'sentejn.

Minkejja dan, hemm bżonn ta' aktar sforz biex tinkiseb pożizzjoni ta' tmexxija fix-xena globali, biex jiġi ffaċilitat it-tkabbir tan-negozji innovattivi tal-Unjoni li qed jespandu u jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-finanzjament. Fil-bidu tal-2023, **249 unicorn biss kienu bbażati fl-UE[64], meta mqabbla ma' 1 444 fl-Istati Uniti u 330 fiċ-Ċina**. Huma meħtieġa wkoll sforzi ulterjuri sinifikanti biex tiġi stimulata l-ekosistema ta' espansjoni. Fil-fatt, bħalissa ma hemm l-ebda ekosistema tal-UE għan-negozji ġodda fost l-aqwa 10 globalment[65]. L-aħjar ekosistema tal-UE – Berlin – ġiet ikklassifikata fit-13-il post fid-dinja segwita minn Amsterdam (14) u Pariġi (18). Is-sitwazzjoni hija saħansitra aktar kritika fit-teknoloġija avvanzata, inkluż l-IA, fejn il-kapital ta' riskju tal-UE għadu ferm lura mill-Istati Uniti[66].

---

[59] SWD(2023)570 "L-implimentazzjoni tal-objettivi tad-Deċennju Diġitali u d-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali".
[60] Il-Bank Ewropew tal-Investiment, Stħarriġ tal-Investiment tal-BEI għall-2019-2022.
[61] Il-Bank Ewropew tal-Investiment, Stħarriġ tal-Investiment tal-BEI għall-2023.
[62] Dealroom.co
[63] Ara C(2023) 7500 "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi t-trajettorji mbassra fil-livell tal-Unjoni għall-miri diġitali" dwar il-volatilità tat-tendenza matul l-aħħar ftit snin.
[64] L-għadd ta' unicorns tal-UE ddikjarati huwa għall-kumpaniji stabbiliti fl-UE li jkomplu jkollhom il-Kwartieri Ġenerali tagħhom fl-UE.
[65] Startup Genome, The Global Startup Ecosystem Report 2023.
[66] DealRoom, The European Deep Tech Report 2023 edition. Il-kapital ta' riskju li jintefaq minn negozju ġdid li l-Kwartieri Ġenerali tiegħu jinsabu fl-UE huwa ta' EUR 30 biljun meta mqabbel ma' EUR 166 biljun għall-Istati Uniti bejn l-2020 u l-2022.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

L-Istati Membri huma mħeġġa joħolqu opportunitajiet ġodda ta' finanzjament għat-tkabbir tard (pereżempju l-Fond ta' Fondi) li jużaw il-finanzjament pubbliku biex jattiraw il-kapital privat f'negozji ġodda u f'negozji tat-teknoloġija avvanzata li qed jespandu, b'mod partikolari permezz tal-Inizjattiva Ewropea taċ-Champions tat-Teknoloġija[67].

L-Istati Membri huma mistiedna jimplimentaw id-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet ta' Negozji Ġodda tal-Ewropa[68].

L-Istati Membri għandhom jimmobilizzaw il-politiki pubbliċi, inkluż l-akkwist innovattiv biex irawmu l-espansjoni tan-negozji ġodda, jiffaċilitaw il-ħolqien ta' spin-outs mill-universitajiet u miċ-ċentri ta' riċerka, u jimmonitorjaw il-progress f'dan il-qasam.

3.3 Objettiv tad-Deċennju Diġitali: ċibersigurtà

Ix-xenarju globali tat-theddid ċibernetiku jkompli jkun volatili, b'żieda fit-theddid ċibernetiku ta' 150 % f'sena[69], b'mod partikolari attakki ddistribwiti ta' ċaħda tas-servizz (DDoS) u 280 attakk stmat ta' inċidenti ta' ransomware fix-xahar[70]. Matul l-2021, 22,2 % tal-intrapriżi tal-UE esperjenzaw inċident relatat mas-sigurtà tal-ICT li wassal għan-nuqqas ta' disponibbiltà, għall-qerda jew għall-korruzzjoni tad-*data*, jew għall-iżvelar ta' *data* kunfidenzjali[71]. Dipendenzi akbar u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, bħall-computing kwantistiku u l-IA, iżidu l-kumplessità fix-xenarju tat-theddid u jintroduċu riskji ġodda li għalihom hija meħtieġa aktar tħejjija.

Filwaqt li ċ-ċibersigurtà ma hijiex inkluża bħala mira għall-2030, it-titjib tar-reżiljenza għaċ-ċiberattakki, il-kontribut għaż-żieda tas-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju u l-għarfien tal-proċessi taċ-ċibersigurtà, u ż-żieda fl-isforzi tal-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati biex jiksbu mill-anqas livelli bażiċi taċ-ċibersigurtà hija wieħed mill-objettivi ġenerali stabbiliti fid-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali[72]. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali tindika l-iżvilupp ta' mira speċifika possibbli bħala parti mir-rieżami tagħha ppjanat fl-2026[73].

Barra minn hekk, il-firmatarji tad-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali impenjaw ruħhom li jieħdu aktar miżuri biex jippromwovu prodotti traċċabbli u sikuri fis-suq uniku diġitali, u biex jiġu protetti n-nies, in-negozji u l-istituzzjonijiet pubbliċi kontra r-riskji taċ-ċibersigurtà u ċ-ċiberkriminalità, inkluż permezz ta' rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għal prodotti konnessi mqiegħda fis-suq uniku[74].

Mill-2020, **l-UE saħħet b'mod sinifikanti x-xenarju tal-politika tagħha biex tipprevjeni, tidentifika, tiskoraġġixxi u twieġeb għal attakki ċibernetiċi fuq l-UE**, b'mod partikolari

[67] It-tnedija ta' Fond ta' Fondi Ġdid biex Jappoġġa ċ-Champions Ewropej tat-Teknoloġija

[68] 24 Stat Membru tal-UE impenjaw ruħhom fil-Jum Diġitali biex jieħdu azzjoni biex jappoġġaw it-tkabbir tan-Negozji Ġodda tal-UE

[69] Thales, *A year of cyber conflict in Ukraine*, Frar 2023.

[70] ENISA, *Threat landscape for ransomware attacks*, Lulju 2022.

[71] Ara Eurostat, ICT security measures used by EU enterprises in 2022, li juri li l-intrapriżi l-kbar irrapportaw valuri ferm ogħla ta' inċidenti mill-SMEs.

[72] Ara l-Artikolu 3(1)(k) tad-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali.

[73] Ara l-premessa 20.

[74] SWD(2023)570 "L-implimentazzjoni tal-objettivi tad-Deċennju Diġitali u d-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali".

bid-Direttiva NIS2[75] u l-ftuħ taċ-Ċentru Ewropew għall-Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà f'Bucharest, li għandu l-għan li jkompli jżid il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tal-UE u l-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam. Bl-adozzjoni tal-pakkett dwar l-evidenza elettronika din is-sena, l-awtoritajiet tal-Istati Membri issa għandhom għodod effettivi għad-dispożizzjoni tagħhom biex jordnaw id-divulgazzjoni tal-evidenza diġitali ta' attakki ċibernetiċi ta' natura kriminali, u t-Tieni Protokoll Addizzjonali tal-2022 għall-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità, li l-Kummissjoni nnegozjat f'isem l-Unjoni, issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħna ma' pajjiżi terzi dwar dawn il-kwistjonijiet. Bħala eżempju ta' azzjoni settorjali, l-Istrateġija għall-Finanzi Diġitali[76] u, b'mod partikolari, ir-Regolament dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali[77] jistabbilixxu miżuri biex jiżguraw li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkollhom salvagwardji adegwati kontra r-riskji ċibernetiċi.

Madankollu, **jeħtieġ li jsir aktar biex jittejbu l-għarfien tas-sitwazzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet, kif ukoll is-sigurtà tal-katina tal-provvista** f'kuntest ta' tkabbir qawwi fl-attakki tal-katina tal-provvista li jħallu impatt kbir u sofistikati ħafna, fejn l-atturi ħżiena jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet fil-prodotti tal-forniturи biex jiksbu pożizzjoni vantaġġuża fl-organizzazzjonijiet. L-Att propost **dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika**[78], biex jintroduċi rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għall-hardware u s-software disponibbli fis-suq Ewropew, huwa mistenni li jagħmel bidla kbira fl-isforzi tagħna biex niġġieldu dan it-tip ta' attakki. L-**Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà**[79] propost se jtejjeb l-identifikazzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid ċibernetiku. Fl-aħħar, hemm ħtieġa urġenti li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' professjonisti taċ-ċibersigurtà fl-UE, bi stimi dwar in-nuqqas li jvarja bejn il-260 000 u l-500 000. It-tnedija tal-**Akkademja tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà**[80] trid tinbena biex tiġġieled dan.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-objettivi taċ-ċibersigurtà tad-Deċennju Diġitali jkunu riflessi bis-sħiħ fil-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom u fl-aġġustamenti ulterjuri tagħhom u li b'mod partikolari n-nuqqas ta' professjonisti taċ-ċibersigurtà jiġi indirizzat ukoll b'mod urġenti.

L-Istati Membri huma mistiedna jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-ENISA lejn l-iżvilupp ta' qafas ta' monitoraġġ fiċ-ċibersigurtà biex isegwi l-progress bħala parti mid-Deċennju Diġitali għall-2030.

[75] Id-Direttiva (UE) 2022/2555 dwar miżuri għal livell komuni għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni kollha
[76] Strateġija dwar il-Finanzi Diġitali
[77] Ir-Regolament (UE) Nru 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju
[78] COM/2022/454 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għal prodotti b'elementi diġitali u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020
[79] COM (2023) 209 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tad-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddid u l-inċidenti taċ-ċibersigurtà.
[80] COM (2023) 207 final, Inxejnu d-distakk tat-talent fiċ-ċibersigurtà biex nixprunaw il-kompetittività, it-tkabbir u r-reżiljenza tal-UE ("L-Akkademja tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà").

L-Istati Membri għandhom itejbu l-għarfien tas-sitwazzjoni, kif ukoll it-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet, fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari billi jiżguraw li l-EU-CyCLONe[81] jsir kompletament operazzjonali malajr.

3.4 Objettiv tad-Deċennju Diġitali: reżiljenza

Il-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u b'mod ġenerali r-riskji ġeopolitiċi kurrenti jissottolinjaw kemm huwa importanti li tiġi żgurata t-trasformazzjoni diġitali tal-UE tkun kemm sigura kif ukoll reżiljenti. It-tisħiħ tar-reżiljenza kollettiva tal-Istati Membri huwa wieħed mill-objettivi ġenerali stabbiliti fid-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali[82].

Dan jinvolvi l-ewwel l-identifikazzjoni u l-monitoraġġ aħjar tal-ktajjen tal-valur u tal-provvista li huma strateġiċi għall-UE biex tindirizza minnufih id-dipendenzi b'riskju għoli. L-azzjoni biex jiġu identifikati u indirizzati d-dipendenzi strateġiċi qed tittieħed permezz ta' diversi mezzi. L-ewwel nett, il-Kummissjoni żiedet l-isforzi biex tidentifika dipendenzi strateġiċi bejn ekosistemi industrijali sensittivi[83]. Hija tkompli tagħmel dan, pereżempju permezz tal-**Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi**, kif ukoll analiżi aġġornata u rfinata tad-dipendenzi strateġiċi[84]. It-tieni, ittieħdu firxa wiesgħa ta' azzjonijiet ta' politika biex jiġu indirizzati d-dipendenzi identifikati, permezz ta' oqfsa regolatorji adattati (pereżempju l-Att dwar iċ-Ċipep tal-UE) u strumenti ta' politika oħrajn (bħal pereżempju fil-kuntest tal-Istrateġija Industrijali aġġornata u l-Pjan ta' Azzjoni dwar is-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u tal-ispazju). Il-proposta reċenti għal **Att dwar il-Materja Prima Kritika**[85] għandha wkoll l-għan li tindirizza dawn l-isfidi u li tiżgura provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-UE u tibqa' reżiljenti. It-tielet, Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni, kif ukoll **Alleanzi Industrijali**[86], għad għandhom rwol importanti fl-indirizzar ta' dipendenzi strateġiċi magħrufa u fiż-żieda tar-reżiljenza tal-katina tal-valur u tal-provvista li huma l-bażi tat-teknoloġiji diġitali.

Madankollu, **il-vulnerabbiltà tal-ambjent diġitali kollu kemm hu għadha ma hijiex immonitorjata b'mod komprensiv**, skont il-linji tat-testijiet tal-istress makroprudenzjali applikati fis-settur finanzjarju. Filwaqt li d-Deċennju Diġitali huwa l-ewwel pass lejn monitoraġġ komprensiv bħal dan, ittestjar estensiv tal-istress ikun jirrikjedi infrastruttura analitika ġdida u settijiet ta' *data* espansivi biex jissimulaw tfixkil potenzjali.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

Sabiex jippromwovu s-sovranità u jiżguraw konformità sħiħa mal-valuri tal-UE, l-Istati Membri għandhom irawmu l-iżvilupp u l-varar ta' teknoloġiji u servizzi diġitali Ewropej u

[81] In-network Ewropew ta' organizzazzjoni ta' kollegament f'każ ta' ċiberkriżijiet (EU-CyCLONe) huwa network ta' kooperazzjoni għall-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-kriżijiet ċibernetiċi.

[82] Ara l-Artikolu 3(1)(k) tad-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali.

[83] Ara pereżempju SWD (2021)352 u SWD(2022)41.

[84] Ara pereżempju d-Dokumenti dwar l-Ekonomija tas-Suq Uniku (Dokument ta' Ħidma 14, 2023): "Metodoloġija mtejba għall-monitoraġġ tad-dipendenzi u l-vulnerabbiltajiet strateġiċi tal-UE".

[85] COM/2023/160 final, Proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020.

[86] Bħall-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, l-Alleanza Ewropea għad-*Data* Industrijali, għall-Edge u għall-Cloud u l-Alleanza Industrijali dwar il-Proċessuri u t-Teknoloġiji tas-Semikondutturi.

jimmobilizzaw riżorsi ta' ekwità biex jappoġġaw lill-kumpaniji f'setturi rilevanti strateġikament, b'mod partikolari permezz ta' sforzi konġunti u proġetti multinazzjonali, kif ukoll billi jibnu fuq il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP)[87] *u s-Siġill tas-Sovranità tagħha.*

Filwaqt li tibni fuq l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà[88]*, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw kapaċità konġunta ta' ttestjar tal-istress biex jimmonitorjaw u jantiċipaw ir-riskji li jaffettwaw ir-reżiljenza tal-ekosistema diġitali.*

4. Trasformazzjoni diġitali biex tingħata s-setgħa lin-nies u lis-soċjetà tal-UE

L-Ewrobarometru 2023 *Fir-rigward ta' ambjenti diġitali sikuri u kontroll fuq id-data tagħhom, anqas minn nofs l-Ewropej jaħsbu li l-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-prinċipji diġitali f'pajjiżhom hija sodisfaċenti, b'defiċits kbar identifikati fil-****protezzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ*** *(ara wkoll 4.4)****.*** *Kważi tliet kwarti (74 %) tal-Ewropej enfasizzaw l-importanza li* ***jittejbu r-regoli, l-għodod u s-servizzi biex jgħinu lin-nies jikkontrollaw id-data tagħhom online****, filwaqt li 67 % jixtiequ li l-prodotti diġitali u s-servizzi online jiġu* ***adattati aħjar għall-ħtiġijiet personali tagħhom****, u 67 % tal-Ewropej* ***jitolbu aktar edukazzjoni u taħriġ biex jiżviluppaw il-ħiliet diġitali tagħhom****. Maġġoranza kbira (86 %) taħseb li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għandha* ***tiżgura li t-teknoloġiji diġitali jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali u mal-valuri Ewropej, u li jkunu aċċessibbli għal kulħadd.***

Il-fatt li n-nies jitqiegħdu fiċ-ċentru tat-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetajiet u tal-ekonomiji tagħna huwa fil-qalba tal-viżjoni tal-UE għad-Deċennju Diġitali. L-UE u l-Istati Membri tagħha qablu li jiżguraw li t-teknoloġiji diġitali jtejbu l-benesseri u l-kwalità tal-ħajja tal-Ewropej kollha, jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet tagħhom, u jippromwovu d-demokrazija u l-ugwaljanza. Dan huwa rifless fid-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali, li għandha titqies mill-Istati Membri meta jikkooperaw biex jiksbu u jkejlu l-progress lejn l-objettivi ġenerali. Dan huwa rifless ukoll fl-objettivi u l-miri ġenerali tad-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali, iffokata fuq żewġ punti kardinali oħrajn: il-ħiliet diġitali u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi.

It-taqsimiet li ġejjin jimmonitorjaw il-progress fir-rigward ta' dawn iż-żewġ punti kardinali. L-analiżi titlesta permezz ta' monitoraġġ tal-progress anke fir-rigward tal-objettivi tad-Deċennju Diġitali relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali u l-għoti tas-setgħa lill-ħajja demokratika u lill-protezzjoni tat-tfal, minħabba l-importanza partikolari tagħhom fil-kuntest tal-isfidi ewlenin kurrenti.

4.1 Punt kardinali: ħiliet diġitali

Id-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali tistabbilixxi miri konkreti għall-2030 biex jiġi żgurat li n-nies u s-soċjetà inġenerali jingħataw ħiliet diġitali xierqa biex jibbenefikaw bis-sħiħ minn u jikkontribwixxu għal opportunitajiet kurrenti u futuri fl-ispazju tal-informazzjoni. Il-miri jipprevedu li mill-anqas 80 % ta' dawk li għandhom bejn is-16 u l-74 sena għandu jkollhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi u mill-anqas 20 miljun speċjalista tal-ICT għandhom jiġu impjegati fl-UE, bil-għan li jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri.

[87] COM(2023) 335 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa ("STEP") u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241.

[88] JOIN (2023) 20 final, Strateġija ta' Sigurtà Ekonomika.

4.1.1 Mira: ħiliet diġitali bażiċi

Ewrobarometru 2023: *L-importanza tal-ħiliet diġitali hija apprezzata b'mod ċar mill-Ewropej.* ***Kważi terz tal-Ewropej (30 %) ma jħossuhomx mgħammra kif xieraq għad-Deċennju Diġitali*** *u jaħsbu li l-appoġġ għal aktar edukazzjoni u taħriġ fil-****ħiliet diġitali għandu jkun fost l-aqwa ħames prijoritajiet diġitali f'pajjiżhom*** *(Ewrobarometru Speċjali)*

Iż-żieda fil-ħiliet diġitali fil-popolazzjoni hija waħda mill-akbar sfidi tal-UE, li tolqot l-objettivi u l-miri kollha. F'dan il-kuntest, id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali tiddikjara li kulħadd għandu jkun jista' jikseb il-ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati kollha li jeħtieġ. Madankollu, 46 % tal-Ewropej, b'mod partikolari fost l-anzjani, bħalissa ma għandhomx il-ħiliet diġitali bażiċi, u dan ifixkel l-użu tat-teknoloġiji diġitali għall-kompiti ta' kuljum u l-aċċess għas-servizzi offruti online[89]. Filwaqt li d-distakk fil-ħiliet diġitali bejn l-irġiel u n-nisa naqas f'dawn l-aħħar snin[90], għadu sinifikanti għal persuni akbar fl-età, li rċevew anqas edukazzjoni formali jew li jgħixu f'żona rurali jew f'reġjun ultraperiferiku. Għad hemm ukoll differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri. Abbażi tad-*data* osservata fil-passat, 59 % biss tal-popolazzjoni jkollha mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi sal-2030, jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri[91].

Biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, **l-UE saħħet b'mod konsiderevoli l-azzjoni tagħha** permezz tad-Djalogu Strutturat dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali[92] biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' approċċ ta' gvern sħiħ integrat, koerenti u aktar ambizzjuż. Dan wassal, f'April 2023, għall-adozzjoni ta' żewġ proposti għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li għandhom l-għan li jappoġġaw lill-Istati Membri u lis-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-forniment ta' edukazzjoni u taħriġ diġitali ta' kwalità għolja, inklużivi u aċċessibbli biex jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali taċ-ċittadini Ewropej[93]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed timmobilizza diversi programmi ta' finanzjament biex tagħti spinta lill-ħiliet diġitali, għal ammont totali ta' EUR 26,9 biljun, b'mod partikolari mill-Programm Ewropa Diġitali, Erasmus+, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u madwar 18 % tan-nefqa diġitali tal-RRF (jiġifieri EUR 23 biljun)[94]. Fl-aħħar, minħabba l-urġenza li tingħata spinta lill-ħiliet, inklużi l-ħiliet diġitali fil-livelli kollha, il-President von der Leyen ħabbret matul id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni fl-2022[95] li l-2023 se tintgħażel bħala s-Sena Ewropea tal-Ħiliet[96].

Madankollu, **l-ilħuq tal-mira tad-Deċennju Diġitali tal-2030 dwar il-ħiliet bażiċi konsegwentement jirrikjedi investiment sinifikanti u interventi ta' politika mmirati**.

---

[89] Bħall-kisba ta' informazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi, l-użu ta' servizzi bankarji online, ix-xiri online jew attivitajiet magħżula oħrajn relatati mal-użu tal-internet jew tas-software. Għal aktar informazzjoni dwar l-indikaturi tal-ħiliet diġitali ppubblikati mill-Eurostat ara: https://ec.europa.eu/eurostat/web/digital-economy-and-society/data/database.

[90] SWD (2023)571 "Punti kardinali tad-Deċennju Diġitali: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi".

[91] Ara C(2023) 7500 "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi t-trajettorji mbassra fil-livell tal-Unjoni għall-miri diġitali"

[92] Disponibbli fuq: https://education.ec.europa.eu/mt/focus-topics/digital-education/action-plan/action-1.

[93] COM/2023/205 final/2, Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għas-suċċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali, u COM(2023) 206 final, Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-forniment tal-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

[94] F'konformità mal-Anness VII tar-Regolament RRF.

[95] Diskorsi dwar l-Istat tal-Unjoni (europa.eu)

[96] Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet (europa.eu)

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

Filwaqt li jibnu fuq is-Sena Ewropea tal-Ħiliet, l-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-investiment fl-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali u jadattaw għax-xenarju diġitali li qed jevolvi malajr.

L-Istati Membri għandhom jinkludu fil-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom u fl-aġġustamenti sussegwenti pjan ċar dwar kif beħsiebhom jimplimentaw l-azzjonijiet pendenti previsti bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif ukoll kif qed jippjanaw li jqisu l-proposti tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-forniment ta' ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ u għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għal edukazzjoni u taħriġ diġitali ta' suċċess.

4.1.2 Mira: speċjalisti tal-ICT

L-iżgurar ta' għadd adegwat ta' speċjalisti tal-ICT huwa kruċjali għal trasformazzjoni diġitali b'suċċess[97]. Hekk kif id-dipendenza fuq it-teknoloġija diġitali tiżdied, il-forza tax-xogħol jeħtiġilha tlaħħaq mad-domanda għall-ħiliet li qed tevolvi u mal-objettiv li terġa' tinkiseb it-tmexxija. Filwaqt li l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT impjegati fl-UE qed jikber, l-istess qed jagħmel l-għadd ta' kumpaniji li joperaw fis-settur tal-ICT, u l-maġġoranza tal-kumpaniji li qed ifittxu speċjalisti tal-ICT għadhom jirrapportaw diffikultajiet sostanzjali fir-reklutaġġ[98]. In-nuqqas ta' persunal disponibbli b'sett xieraq ta' ħiliet qed ixekkel l-investimenti għal 85 % tad-ditti tal-UE[99], b'SMEs li qed ibatu aktar spiss biex jimlew il-postijiet tax-xogħol vakanti fl-ICT[100].

L-UE jeħtieġ li żżid l-isforzi tagħha fit-tellieqa globali għat-talenti, u b'mod partikolari fil-qasam tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (STEM). Minkejja l-bosta inizjattivi u l-programmi ta' finanzjament tal-UE li għandhom rwol sinifikanti fl-iżvilupp, fl-attirar u fiż-żamma tal-ħiliet, taħt xenarju ta' żamma tal-istatus quo, l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT fl-UE se jkun qrib it-12-il miljun sal-2030[101]. Għalhekk, **l-Istati Membri kollettivament għandhom aktar minn jirdoppjaw iż-żieda medja tal-ispeċjalisti tal-ICT biex inaqqsu d-distakk mal-mira tad-Deċennju Diġitali.** L-innovazzjoni tiddependi fuq it-trawwim, l-attrazzjoni u ż-żamma b'suċċess ta' individwi b'talent u firxa diversa ta' ħiliet. Edukazzjoni ta' kwalità għolja minn stadji bikrija u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti huma kruċjali biex jattiraw u jiżguraw fluss ta' individwi b'ħiliet għoljin u b'talenti li jistgħu jgħinu biex jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali u jagħtu lill-UE vantaġġ kompetittiv fil-ktajjen tal-valur strateġiċi[102].

L-isfruttament tal-kontributi tan-nisa huwa essenzjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet speċjalizzati fl-ICT u biex tinbena Ewropa diġitali inklużiva. Id-distakk serju u persistenti bejn il-ġeneri fis-settur tal-ICT idgħajjef il-mod kif jitfasslu u jiġu varati s-

[97] SWD (2023)571"Punti kardinali tad-Deċennju Diġitali: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi".
[98] Ara wkoll Khan, J. (2021), European academic brain drain: A meta-synthesis. European Journal of Education, 56(2), 265-278.
[99] Bank Ewropew tal-Investiment, *Rapport tal-Investiment* 2022/2023: *Reżiljenza u tiġdid fl-Ewropa*, 2023.
[100] Stħarriġ tal-Eurostat dwar id-diskrepanza fil-ħiliet | Pjattaforma tal-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali (europa.eu)
[101] Ara C(2023) 7500 "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi t-trajettorji mbassra fil-livell tal-Unjoni għall-miri diġitali".]
[102] COM/2022/332 final, Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni.

soluzzjonijiet diġitali, b'konsegwenzi negattivi pprovati għall-ugwaljanza soċjali u għall-benesseri b'mod ġenerali. Fl-2021, 81 % tal-ispeċjalisti tal-ICT impjegati kienu rġiel[103]. Biex jiżdied l-għadd ta' nisa fl-ICT, l-Istati Membri kollha tal-UE jeħtiġilhom jieħdu azzjoni biex jippromwovu l-aċċess tagħhom għal dan il-qasam minn età bikrija.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

Filwaqt li jibnu fuq is-Sena Ewropea tal-Ħiliet, l-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw l-investiment fl-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali u jadattaw għax-xenarju diġitali li qed jevolvi b'mod rapidu, inkluż billi jattiraw u jżommu t-talenti, biex jilħqu l-objettivi u l-miri ġenerali tad-Deċennju Diġitali, b'mod partikolari għall-computing kwantistiku, il-mikroproċessuri u d-diġitalizzazzjoni tan-negozji u tas-servizzi pubbliċi diġitali.

L-Istati Membri għandhom jipproponu fil-pjanijiet direzzjonali tagħhom azzjonijiet konkreti dwar l-attirar u ż-żamma ta' speċjalisti tal-ICT, b'mod partikolari permezz ta' monitoraġġ rilevanti u azzjonijiet kollettivi konkreti. Għandha tingħata attenzjoni speċifika biex tiġi indirizzata d-differenza bejn il-ġeneri.

4.2 Punt kardinali: diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi

L-aċċess għas-servizzi pubbliċi diġitali, l-eID u r-rekords elettroniċi tas-saħħa huma elementi kritiċi ta' trasformazzjoni diġitali ċċentrata fuq il-bniedem. Id-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali tistabbilixxi miri konkreti biex jiġi żgurat li s-servizzi pubbliċi, is-servizzi tas-saħħa u tal-kura jkunu disponibbli u aċċessibbli online għal kulħadd, b'mod partikolari, għal persuni f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, inklużi persuni anzjani u persuni b'diżabilità, kif ukoll għal persuni f'żoni rurali u remoti. B'mod aktar speċifiku, il-miri Diġitali jipprevedu aċċessibbiltà online ta' 100 % tas-servizzi pubbliċi ewlenin u, fejn rilevanti, il-possibbiltà għaċ-ċittadini u n-negozji fl-Unjoni li jinteraġixxu online mal-amministrazzjonijiet pubbliċi, aċċess online għar-rekords elettroniċi tas-saħħa tagħhom għal 100 % taċ-ċittadini tal-Unjoni u aċċess għal identifikazzjoni elettronika sigura (eID) għal 100 % taċ-ċittadini tal-Unjoni. Filwaqt li jaħdmu lejn it-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi pubbliċi diġitali u d-disponibbiltà tagħhom online, l-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li s-servizzi li joffru jkunu aċċessibbli għall-persuni kollha, mingħajr diskriminazzjoni u jkunu allinjati mad-drittijiet fundamentali tal-UE.

4.2.1 Mira: servizzi pubbliċi ewlenin

Is-sitwazzjoni rigward l-aċċess għas-servizzi pubbliċi online għamlet ftit progress għan-negozji u għaċ-ċittadini iżda madankollu tista' tittejjeb aktar. Ħafna Stati Membri huma f'pożizzjoni relattivament tajba biex jilħqu l-mira ta' disponibbiltà online ta' 100 % tas-servizzi pubbliċi għan-negozji[104] u, b'mod ġenerali, 88 % tas-servizzi tal-gvern ċentrali huma kompletament online, meta mqabbla ma' 76 % għas-servizzi tal-gvern reġjonali u 62 % tas-

[103] Ara Speċjalisti tal-ICT fl-impjieg - Statistika Spjegata (europa.eu)

[104] Fir-rigward tal-kumpaniji, id-Direttiva (UE) 2019/1151 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward tal-użu ta' għodod u proċessi diġitali fil-liġi dwar il-kumpaniji, ĠU L 186, 11.7.2019, p. 80–104, kienet pass ewlieni biex jitnaqqas il-piż. Din tiżgura li l-kumpaniji u l-fergħat tagħhom fi Stati Membri oħrajn ikunu jistgħu jiġu rreġistrati, u jippreżentaw l-informazzjoni tagħhom fir-reġistru tan-negozju, kompletament online. Bħala t-tieni pass, il-proposta dwar l-Aġġornament tal-Liġi dwar il-Kumpaniji Diġitali (COM/2023/177 final) se tgħin lill-kumpaniji jagħmlu negozju fl-UE billi żżid id-disponibbiltà tal-informazzjoni tal-kumpaniji u tneħħi l-ostakli amministrattivi meta l-kumpaniji jużaw l-informazzjoni tagħhom f'sitwazzjonijiet transfruntieri.

servizzi tal-gvern lokali[105]. Madankollu **għad fadal sfidi sinifikanti biex jintlaħqu objettivi ġenerali bħar-reżiljenza, is-sovranità u ambjent diġitali ċċentrat fuq il-bniedem.**

L-Istati Membri qed jinvestu fir-riforma tas-settur pubbliku tagħhom u fit-trasformazzjoni diġitali tiegħu: l-investiment ippjanat ikkombinat fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u s-soluzzjonijiet tal-gvern elettroniku permezz tal-pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza r huwa ta' EUR 48 biljun[106]. Minn dan l-ammont, EUR 33,6 biljun jistgħu jkunu direttament marbuta mal-miri tas-servizzi pubbliċi diġitali. L-implimentazzjoni tal-Portal Diġitali Uniku[107] u tal-prinċipju ta' Darba Biss se jkunu kritiċi biex tiġi stimulata aktar id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, bl-effett li tiżdied il-kompetittività tal-UE u li jinkisbu kundizzjonijiet ekwi fi ħdan is-suq uniku tal-UE .

Filwaqt li l-introduzzjoni tas-servizzi pubbliċi diġitali qed timxi 'l quddiem b'mod kostanti, **l-investiment fl-akkwist pubbliku ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi (pereżempju, ibbażati fuq l-IA jew il-big data) ma huwiex biżżejjed** u jeħtieġ li jiżdied sostanzjalment minn EUR 118-il biljun għal EUR 295 biljun sabiex tintlaħaq l-adozzjoni b'veloċità sħiħa ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi fis-servizzi pubbliċi[108]. Hemm bżonn ta' investiment ogħla b'mod sinifikanti mhux biss fis-servizzi pubbliċi u fis-saħħa, iżda fl-oqsma kollha tal-attività tas-settur pubbliku, bħat-trasport, is-sigurtà, l-edukazzjoni u l-kultura, il-kostruzzjoni, l-enerġija, l-ilma u l-ambjent.

Barra minn hekk, **hija meħtieġa azzjoni mmirata biex tittejjeb id-disponibbiltà transfruntiera online u l-prestazzjoni ġenerali tas-servizzi pubbliċi online**[109]. L-interoperabbiltà hija faċilitatur ewlieni għal dan. Il-Kummissjoni pproponiet l-**Att dwar Ewropa Interoperabbli** [110] biex issaħħaħ l-interoperabbiltà u l-kooperazzjoni transfruntieri fis-settur pubbliku fl-UE kollha. L-interoperabbiltà transfruntiera tista' twassal għal iffrankar annwali tal-kostijiet ta' bejn EUR 5,5 u EUR 6,3 miljun għaċ-ċittadini u bejn EUR 5,7 u EUR 19,2-il biljun għan-negozji li jittrattaw l-amministrazzjoni pubblika[111].

Fl-aħħar nett, **jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi pubbliċi diġitali li joffru jkunu aċċessibbli għal kulħadd**, inklużi l-anzjani u l-persuni b'diżabilità, u ċ-ċittadini minn Stati Membri oħrajn, mingħajr diskriminazzjoni, u li dawn ikunu allinjati mad-drittijiet, il-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-UE, bħall-prinċipju ta' darba biss u l-iffukar fuq l-utent. Id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali tiddikjara li kulħadd għandu jkollu aċċess online għal servizzi pubbliċi ewlenin fl-UE. B'mod speċifiku, l-UE u l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jiffaċilitaw u jappoġġaw aċċess mingħajr xkiel, sigur u interoperabbli madwar l-UE għas-servizzi pubbliċi diġitali mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tan-nies b'mod

[105] Parametru Referenzjarju tal-Gvern elettroniku 2023, Capgemini, Sogeti, IDC u Politecco di Milan għall-Kummissjoni Ewropea

[106] SWD (2023)571 "Il-punti kardinali tad-Deċennju Diġitali: il-ħiliet diġitali, l-infrastrutturi diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi".

[107] Għal aktar informazzjoni, ara l-Gateway diġitali unika (europa.eu)

[108] Ara r-riżultat tal-*Parametraġġ referenzjarju tal-investimenti fl-akkwist tal-innovazzjoni u tal-oqfsa ta' politika madwar l-Ewropa* tal-Kummissjoni, Marzu 2023.

[109] Parametru Referenzjarju tal-Gvern elettroniku 2023, Capgemini, Sogeti, IDC u Politecco di Milan għall-Kummissjoni Ewropea

[110] COM (2022) 720 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku madwar l-Unjoni (Att dwar Ewropa Interoperabbli).

[111] SWD(2022)721, Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt li Jakkumpanja l-Proposta għal Att dwar Ewropa Interoperabbli, p. 54.

effettiv, inklużi u b'mod partikolari s-servizzi tas-saħħa u tal-kura diġitali, b'mod partikolari l-aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

L-Istati Membri għandhom iżidu l-miżuri ta' investiment u regolatorji biex jiżviluppaw u jagħmlu disponibbli soluzzjonijiet diġitali siguri, sovrani u interoperabbli għas-servizzi pubbliċi u tal-gvern online.

L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-użu effettiv tas-servizzi pubbliċi online kif ukoll il-lakuni possibbli, inkluż bejn iż-żoni urbani u rurali. L-Istati Membri għandhom jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li kulħadd, inklużi l-anzjani u l-persuni b'diżabilità, ikollu aċċess ugwali għas-servizzi pubbliċi online, b'mod partikolari b'varar rapidu tal-Gateway Diġitali Unika u b' imbark attiv tal-awtoritajiet għas-sistema teknika ta' darba biss għall-iskambju awtomatizzat ta' evidenza sa tmiem l-2023.

L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni b'appoġġ għal akkwist innovattiv u jżidu l-isforzi biex jiżdiedu l-investimenti fl-akkwist pubbliku fl-iżvilupp, l-ittestjar u l-varar ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi.

L-Istati Membri huma mistiedna jagħmlu aktar progress bl-impenji u l-kooperazzjoni multinazzjonali tagħhom fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika konnessa u tal-Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain, possibbilment anke permezz tal-EDICs proposti f'dawn l-oqsma.

4.2.2 Mira: identifikazzjoni elettronika

Din il-mira tad-Deċennju Diġitali tista' tinkiseb bis-saħħa ta' implimentazzjoni f'waqtha tal-Portafoll Ewropew tal-Identità Diġitali mill-Istati Membri[112]. Bis-saħħa tal-Portafoll Ewropew tal-Identità Diġitali, in-nies u n-negozji fl-Ewropa se jkollhom servizz ta' identifikazzjoni konvenjenti, sigur u interoperabbli għad-dispożizzjoni tagħhom. Għandu jkun hemm anqas karti u burokrazija għaċ-ċittadini u l-kumpaniji fit-tranżazzjonijiet online kollha tagħhom, kemm mal-korpi tas-settur pubbliku kif ukoll mal-forniturі privati tas-servizzi diġitali.

Wara sejħa għal proposti fl-2022, f'April 2023 tnedew erba' proġetti pilota kkofinanzjati taħt il-Programm Ewropa Diġitali, biex jittestjaw il-portafoll f'għadd ta' sitwazzjonijiet ta' kuljum u l-integrazzjoni tiegħu fis-sistema nazzjonali tal-eID f'26 Stat Membru u fl-Iżlanda, fin-Norveġja u fl-Ukrajna. L-Istati Membri diġà skedaw proġetti għall-implimentazzjoni tal-Portafoll Ewropew tal-Identità Diġitali fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom.

Sabiex jiġi żgurat li l-munita tagħna, l-euro, tkun adattata għall-futur, f'Ġunju 2023, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet qafas legali biex jiġu rregolati l-elementi essenzjali ta' **euro diġitali**[113], li jippermetti lill-Bank Ċentrali Ewropew jintroduċi euro diġitali li jista' jintuża u jkun disponibbli b'mod wiesa'. Euro diġitali se jippermetti lin-negozji u liċ-ċittadini jkollhom

[112] Wara r-reviżjoni tar-Regolament dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi (eIDAS), l-Istati Membri se jkunu obbligati joħorġu Portafolli ta' Identità Diġitali fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

[113] Pakkett ta' Munita Unika: proposti ġodda li jappoġġaw l-użu tal-flus kontanti u jippproponu qafas għal euro diġitali

għażla addizzjonali ta' pagament li biha jistgħu jħallsu b'mod wiesa' lil ċittadini oħrajn u fi ħwienet jew siti web tal-kummerċ elettroniku – anke mingħajr konnessjoni mal-internet, u bi standard għoli ta' protezzjoni tad-*data*. L-għan huwa li l-euro diġitali jkun kompletament interoperabbli mal-Portafoll Ewropew tal-Identità Diġitali.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

L-Istati Membri għandhom iħejju biex jistabbilixxu u jimplimentaw il-Portafoll Ewropew tal-Identità Diġitali, b'mod partikolari permezz ta' proġetti pilota u billi jimmobilizzaw l-ekosistema diġitali.

L-Istati Membri huma mistiedna wkoll jinnotifikaw l-iskemi ta' identifikazzjoni tal-eIDAS, b'mod partikolari għan-negozji, lill-Kummissjoni.

4.2.3 Mira: rekords elettroniċi tas-saħħa

Id-diġitalizzazzjoni tas-saħħa għandha l-potenzjal li tittrasforma x-xenarju tal-kura tas-saħħa, ittejjeb l-aċċess għall-kura, issaħħaħ l-involviment tal-pazjenti u fl-aħħar mill-aħħar twassal għal eżiti aħjar tas-saħħa għall-individwi u għall-komunitajiet, b'mod partikolari fiż-żoni rurali u remoti. It-titjib tal-aċċess għad-*data* dwar is-saħħa huwa wkoll l-ewwel pass biex ikun jista' jiġi kkontrollat il-fluss tad-*data* dwar is-saħħa u biex din tiġi kondiviża b'mod sigur: pereżempju, biex tfittex it-tieni opinjoni jew tirċievi trattament minn fornitur tal-kura tas-saħħa differenti.

B'mod ġenerali, l-UE għandha prestazzjoni tajba fl-indikatur tal-aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika, u tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tal-UE ta' 100 % taċ-ċittadini tal-UE li jkollhom aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa tagħhom[114]. Eżempju ta' suċċess ta' din il-prestazzjoni huwa ċ-**ċertifikat COVID diġitali tal-UE**[115], bħala għodda diġitali ewlenija li tikkontribwixxi għall-objettivi tas-saħħa, l-ivvjaġġar transfruntier u li tagħmel il-ħajja tan-nies aktar faċli, li ġie stabbilit fi żmien rekord fil-bidu tas-sajf tal-2021. Diġà nħarġu aktar minn EUR 2,3 biljun ta' ċertifikati COVID diġitali tal-UE fl-UE waħedha. Diversi fatturi kkontribwew għal din il-kisba ewlenija: (i) rieda politika b'saħħitha fl-istituzzjonijiet u l-Istati Membri kollha tal-UE; (ii) kooperazzjoni u l-koordinazzjoni eċċellenti bejn l-Istati Membri; (iii) finanzjament għall-Istati Membri. F'Ġunju 2023, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa bdiet iċ-ċertifikazzjoni COVID diġitali tal-UE biex toħloq sistema globali li se tgħin biex tiffaċilita l-mobbiltà globali u tipproteġi lin-nies madwar id-dinja minn theddid għas-saħħa li għaddej bħalissa u futur, inklużi l-pandemiji[116].

Madankollu, għad fadal kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati u jinkludu l-espansjoni tal-għadd ta' fornituri tal-kura tas-saħħa konnessi, il-firxa ta' *data* aċċessibbli u l-użu tal-awtentikazzjoni tal-eIDAS għas-servizzi ta' aċċess għad-*data* dwar is-saħħa. Bl-għan li tittejjeb l-aċċessibbiltà tad-*data* dwar is-saħħa, il-Kummissjoni għamlet proposta leġiżlattiva għal **Spazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa**[117]. B'mod partikolari, il-proposta għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess tan-nies għad-*data* elettronika dwar is-saħħa tagħhom stess, li tappoġġa

[114] L-iżvilupp tal-indikaturi tas-Saħħa elettronika tad-Deċennju Diġitali, l-istudju ta' Empirica GmbH u PredictBy għall-Kummissjoni Ewropea

[115] Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE

[116] Ara d-dikjarazzjoni: Il-Kummissjoni Ewropea u d-WHO jniedu inizjattiva storika għas-saħħa diġitali biex tiżdied is-sigurtà tas-saħħa globali

[117] COM/2022/197 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa, it-3 ta' Mejju 2022.

l-iskambju ta' *data* dwar is-saħħa bejn il-fornituri tal-kura tas-saħħa u li tħeġġeġ l-użu mill-ġdid ta' *data* dwar is-saħħa biex tappoġġa r-riċerka, it-tfassil tal-politika u skopijiet relatati oħrajn.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa, b'sett minimu ta' data relatata mas-saħħa maħżuna f'sistemi elettroniċi tar-rekords tas-saħħa pubbliċi u privati, ikun teknoloġikament possibbli u faċilment aċċessibbli għan-nies (permezz ta' portal tal-pazjenti jew applikazzjoni għall-apparati mobbli tal-pazjent).

F'konformità mar-Regolament eIDAS u r-reviżjonijiet tiegħu, l-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll mezzi siguri ta' awtentikazzjoni u jieħdu miżuri biex jiżguraw aċċess ugwali u ekwu għall-persuni kollha (inklużi gwardjani għat-tfal, għall-anzjani u għall-persuni b'diżabilità), filwaqt li jfittxu li jiżguraq li mill-anqas 60 % tal-fornituri pubbliċi u privati potenzjali jkunu teknikament konnessi u jipprovdu b'mod konsistenti data dwar is-saħħa.

L-Istati Membri huma mistiedna jinvolvu ruħhom fix-xogħlijiet preparatorji għall-istabbiliment tal-EDIC propost fil-qasam tal-ġenomika u fl-infrastruttura Ewropea federata għad-data dwar l-immaġnijiet tal-kanċer bil-għan li jixprunaw l-innovazzjoni f'soluzzjonijiet personalizzati għall-kura tas-saħħa u l-IA fil-kura tal-kanċer.

4.3 Objettiv tad-Deċennju Diġitali: salvagwardja tad-drittijiet fundamentali u l-għoti tas-setgħa lill-ħajja demokratika

Ewrobarometru 2023: *L-importanza tal-**protezzjoni tal-utenti mid-diżinformazzjoni u l-kontenut illegali** hija rikonoxxuta b'mod ċar mill-Ewropej. Din tikklassifika bħala **waħda mill-ogħla tliet prijoritajiet tal-Ewropej għall-pajjiżi tagħhom** minn issa sal-2030, flimkien mal-protezzjoni tal-utenti minn attakki ċibernetiċi u t-titjib tad-disponibbiltà ta' internet b'veloċità għolja (Ewrobarometru Speċjali).*

It-teknoloġiji u s-servizzi diġitali għandhom il-kapaċità li jsawru kif ngħixu flimkien u li neżerċitaw ir-rwoli tagħna bħala ċittadini. Dawn joħolqu modi ġodda biex neżerċitaw u ngawdu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali kif ukoll biex nipparteċipaw fil-ħajja demokratika, iżda anke modi ġodda kif jistgħu jiġu miksura. Dan huwa b'mod partikolari l-każ għal sistemi tal-IA u l-algoritmi li jistgħu joħolqu riskji serji għad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza, il-libertà, is-sigurtà u l-invażjoni tal-privatezza inkluż il-potenzjal għall-użu ħażin tad-*data* personali[118]. It-teknoloġiji huma strumentalizzati minn reġimi awtoritarji[119], li jippreżentaw sfidi ġodda għad-demokraziji, l-istat tad-dritt,[120]u ż-żieda fil-polarizzazzjoni u fid-diskors ta' mibegħda online, kemm fl-UE kif ukoll globalment.

Il-promozzjoni ta' ambjent diġitali ċċentrat fuq il-bniedem, ibbażat fuq id-drittijiet fundamentali, inklużiv, trasparenti u miftuħ fejn teknoloġiji u servizzi diġitali siguri u interoperabbli josservaw u jsaħħu l-prinċipji, id-drittijiet u l-valuri tal-Unjoni u jkunu aċċessibbli għal kulħadd, kullimkien fl-Unjoni, hija waħda mill-objettivi ġenerali stabbiliti fid-

[118] Ara AccessNow (2023): What you need to know about generative AI and human rights; Marina Escobar-Planas, Emilia Gómez and Carlos Martínez Honarejos, Guidelines to Develop Trustworthy Conversational Agents for Children, Ethicomp, 2022; u https://www.ohchr.org/en/stories/2022/01/web-was-created-everyone-regardless-their-gender.

[119] Democracy Report 2022 Autocratisation Changing Nature? V-DEM institute

[120] Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2023

Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali[121]. Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali tinkludi prinċipji u impenji dwar l-aċċess għal ambjent diġitali affidabbli, divers u multilingwi, bil-ħsieb li tikkontribwixxi għal dibattitu pubbliku pluralistiku u parteċipazzjoni effettiva u mhux diskriminatorja fid-demokrazija. Din tenfasizza b'mod partikolari r-rwol ta' pjattaformi online kbar ħafna fil-mitigazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mill-funzjonament u mill-użu tas-servizzi tagħhom, inkluż fir-rigward tad-diżinformazzjoni. L-UE u l-Istati Membri impenjaw ruħhom ukoll li jappoġġaw l-iżvilupp u l-aħjar użu tat-teknoloġiji diġitali biex jistimulaw l-involviment ċiviku u l-parteċipazzjoni demokratika tan-nies.

F'dan il-kuntest, bis-saħħa tar-regolament pijunier, l-UE qed tistabbilixxi l-istandard globali fil-ħolqien ta' ambjenti online u teknoloġiji diġitali aktar iċċentrati fuq il-bniedem għal dan id-deċennju u għal dawk li ġejjin.

Bl-Att dwar is-Servizzi Diġitali, l-UE introduċiet qafas regolatorju ġdid mingħajr paragun u komprensiv biex tindirizza l-impatti soċjetali tas-servizzi diġitali fl-UE u tiżgura l-ogħla protezzjoni għad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE online b'mod mhux diskriminatorju. Fil-25 ta' April 2023, il-Kummissjoni ddeżinjat 17-il Pjattaforma Online Kbar Ħafna (VLOPs) u żewġ Magni tat-Tiftix Online Kbar Ħafna (VLOSEs)[122]. Fid-data ta' din il-Komunikazzjoni, daħlu fis-seħħ l-obbligi stretti fuq dawn il-pjattaformi. Dawn kienu meħtieġa jadottaw miżuri ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' mitigazzjoni tar-riskju bħala parti minn ċiklu annwali, biex jindirizzaw ir-riskji li s-servizzi tagħhom joħolqu għas-soċjetajiet demokratiċi tagħna u d-drittijiet tal-persuni, inkluż l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali, id-diżinformazzjoni u l-effetti negattivi fuq il-benesseri fiżiku u mentali u fuq il-minorenni, il-bejgħ ta' prodotti illegali u livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Fir-rwol tagħha bħala superviżur u inforzatur, il-Kummissjoni qed tiskrutinizza l-miżuri meħuda mill-VLOPs u l-VLOSEs, inklużi l-algoritmi tagħhom għall-moderazzjoni tal-kontenut, il-prattiki ta' reklamar tagħhom u t-tfassil tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni tagħhom[123] [124]. Id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali tipprovdi punt ta' referenza ċar għal dawk li jfasslu l-politika, kif ukoll għall-kumpaniji u l-esperti, meta jagħmlu l-valutazzjonijiet tagħhom.

Bl-Att dwar l-IA, l-UE qed tniedi regolament biex ittaffi t-theddid impost mis-sistemi tal-IA u tal-algoritmi u tiżgura li s-sistemi tal-IA ta' riskju għoli jkunu mfassla, varati u użati b'kunsiderazzjoni sħiħa u b'rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-valuri demokratiċi**.** Il-Kummissjoni tipproponi li xi sistemi jiġu kklassifikati bħala ta' riskju għoli abbażi tal-iskop intenzjonat u l-impatt potenzjali tagħhom. Dawn is-sistemi jkollhom jikkonformaw ma' rekwiżiti speċifiċi, bħal li jkunu bbażati fuq settijiet ta' *data* xierqa biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni illegali u biex jippermettu s-superviżjoni umana tal-eżiti. F'dan il-kuntest, l-

[121] Ara d-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali, l-Artikolu 3(1)(a).

[122] Il-lista ta' VLOPs u VLOSEs iddeżinjati hija disponibbli f'din il-ħolqa.

[123] Dan se jagħmel dan bl-għajnuna ta' esperti miċ-Ċentru Ewropew għat-Trasparenza Algoritmika li għadu kif ġie stabbilit.

[124] Diversi inizjattivi settorjali oħrajn fil-livell tal-UE jfittxu li jindirizzaw tipi speċifiċi ta' kontenut illegali jew ta' ħsara, filwaqt li fl-istess ħin jiggarantixxu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Pereżempju, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, il-Kodiċi ta' kondotta dwar il-ġlieda kontra d-diskors illegali ta' mibegħda, ir-Rakkomandazzjoni dwar is-sikurezza tal-ġurnalisti, ir-Regolament dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online, il-proposta għar-Regolament dwar ir-reklamar politiku, u r-Regolament Ġenerali dwar is-Sigurtà tal-Prodotti.

istandards tal-IA li bħalissa qed jiġu żviluppati[125] se jkollhom rwol ewlieni billi jiddefinixxu soluzzjonijiet tekniċi biex jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali tal-affidabbiltà tal-IA speċifikati fit-test legali. Barra minn hekk, il-proposta dwar l-Att dwar l-IA tfittex li tiżgura livell adegwat ta' trasparenza u sensibilizzazzjoni b'obbligu li jiġu ttikkettati d-deepfakes u li l-persuni fiżiċi jiġu informati meta jkunu qed jinteraġixxu ma' sistema tal-IA, li huma żewġ elementi ewlenin fid-dawl tat-theddid u l-opportunitajiet il-ġodda marbuta ma' IA ġenerattivi. Fid-dawl tal-aċċellerazzjoni tal-iżviluppi teknoloġiċi u tal-adozzjoni ġenerali tat-teknoloġiji tal-IA, il-Kummissjoni nediet ukoll diskussjonijiet lejn **Patt tal-IA**. Din l-inizjattiva tfittex l-impenn volontarju tal-industrija biex tantiċipa l-Att dwar l-IA u biex tibda timplimenta r-rekwiżiti ewlenin tagħha qabel l-iskadenza legali.

Il-ġlieda kontra t-tixrid ta' miżinformazzjoni u diżinformazzjoni online hija essenzjali għall-ħolqien ta' ambjent diġitali ċċentrat fuq il-bniedem li jagħti s-setgħa lill-ħajja demokratika. L-indirizzar ta' din it-theddida jikseb urġenza ġdida peress li t-teknoloġiji tal-IA ġenerattivi jipprovdu għodod ġodda lil atturi ħżiena fuq skala bla preċedent[126]. Lil hinn mill-għodod offruti mid-DSA, il-**Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni**[127], iffirmat minn firxa wiesgħa ta' firmatarji inklużi diversi pjattaformi online ewlenin, fih impenji importanti biex jiġi llimitat it-tixrid tad-diżinformazzjoni online u għandu l-għan li jsir Kodiċi ta' Kondotta skont id-DSA[128].

L-għoti tas-setgħa lill-atturi indipendenti tal-media biex jipprovdu informazzjoni affidabbli online u lin-nies biex ifittxu din l-informazzjoni huwa kruċjali għat-tisħiħ tar-reżiljenza ġenerali tas-soċjetajiet demokratiċi tagħna fl-era diġitali. Il-proposta tal-Kummissjoni għal **Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media**, li bħalissa qed jiġi nnegozjat, tfittex li ttejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku għas-servizzi tal-media peress li dawn isiru aktar diġitali u transfruntieri b'mod inerenti. Meta tiġi adottata, din se twassal għal aktar investiment u kompetizzjoni, u b'hekk tagħti lill-konsumaturi aċċess għal firxa aktar diversa ta' kontenut tal-media ta' kwalità u tikkontribwixxi għal dibattiti pubbliċi pluralistiċi, f'konformità mad-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali.

Bil-Komunikazzjoni dwar id-dinjiet virtwali[129]**, il-Kummissjoni tipproponi azzjonijiet biex tappoġġa l-iżvilupp u l-użu ta' dinjiet virtwali fl-UE**, strutturati madwar l-objettivi tad-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali. Il-Kummissjoni timmira għal Web 4.0 u dinjiet virtwali bbażati fuq valuri u prinċipji u drittijiet fundamentali tal-UE, fejn in-nies jistgħu jkunu sikuri, kunfidenti u mogħtija s-setgħa, fejn id-drittijiet tan-nies bħala utenti, konsumaturi, ħaddiema jew ħallieqa jiġu rrispettati, u fejn in-negozji Ewropej jistgħu jiżviluppaw applikazzjonijiet ewlenin fid-dinja, jespandu u jikbru.

---

[125] Ara r-Repożitorju tal-Pubblikazzjonijiet tal-JRC, Analiżi tal-pjan ta' ħidma preliminari dwar l-istandardizzazzjoni tal-IA b'appoġġ għall-Att dwar l-IA

[126] L-analiżi mill-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali (network indipendenti ta' verifikaturi tal-fatti, esperti tal-litteriżmu fil-media u riċerkaturi akkademiċi li jaħdmu flimkien biex jidentifikaw, janalizzaw u jesponu kampanji ta' diżinformazzjoni u jirriċerkaw miżuri ta' mitigazzjoni) turi li filwaqt li l-perċentwal ta' diżinformazzjoni ġġenerata mill-IA kien għadu pjuttost baxx f'Marzu 2023, din ġiet iċċirkolata b'mod wiesa' fl-UE kollha; ara EDMO, Monthly brief no. 22.

[127] Il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-diżinformazzjoni msaħħaħ tal-2022

[128] Ara Gwida tal-Kummissjoni għat-Tisħiħ tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni

[129] COM (2023) 442/final, "Inizjattiva tal-UE dwar il-Web 4.0 u d-dinjiet virtwali: vantaġġ inizjali fit-tranżizzjoni teknoloġika li jmiss".

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

F'konformità mad-DSA, l-Istati Membri għandhom jibnu l-kapaċità u l-kompetenza għall-infurzar robust tad-DSA, inkluża l-ħatra tal-awtoritajiet indipendenti inkarigati mis-superviżjoni tar-regoli u mill-koordinazzjoni tas-superviżjoni u l-assistenza regolatorji f'kull Stat Membru (l-obbligu legali għandu jitlesta sa mhux aktar tard mis-17 ta' Frar 2024).

L-Istati Membri huma mħeġġa jżidu l-isforzi tagħhom biex jappoġġaw u jipproteġu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed jaħdmu biex jipproteġu, jippromwovu u jiddefendu d-drittijiet fundamentali online pereżempju, bħala "senjalaturi tal-problemi" fdati skont id-DSA.

L-Istati Membri għandhom ikomplu jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu u jindirizzaw ir-riskji ta' inugwaljanza u diskriminazzjoni li jistgħu jirriżultaw mill-użu ta' teknoloġiji diġitali, inkluż l-IA.

L-Istati Membri għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex itejbu l-ħiliet tal-litteriżmu fil-media tan-nies. Dan huwa partikolarment kruċjali biex jiġi żgurat li n-nies ikunu jistgħu jagħmlu l-għażliet elettorali tagħhom ħielsa mill-influwenza ta' miżinformazzjoni u diżinformazzjoni, u li jkunu attenti għar-riskji ta' miżinformazzjoni u diżinformazzjoni imposti minn teknoloġiji ġodda.

4.4 Objettiv tad-Deċennju Diġitali: promozzjoni ta' ambjent iċċentrat fuq il-bniedem - enfasi fuq il-protezzjoni tat-tfal

It-trasformazzjoni diġitali ċċentrata fuq il-bniedem tal-Ewropa trid tipproteġi lill-aktar membri vulnerabbli tas-soċjetà minn ħsarat online. L-internet aċċellera l-ħolqien u l-iżvilupp ta' theddid u tendenzi ġodda u ċ-ċifri huma allarmanti: id-*data* miġbura mill-helplines taċ-Ċentru għal Internet aktar Sikur iffinanzjati mill-UE turi żidiet sinifikanti fl-għadd ta' persuni li qed ifittxu għajnuna jew parir bejn l-2021 u l-2022 dwar is-sextortion (sa +60 %), ir-reputazzjoni online (sa +32 %) u l-kriminalità elettronika (+30 %). Fl-2022, 60 % tal-kuntatti kollha saru minn tfal ta' bejn it-12 u 18-il sena, u kważi 7,5 % minn tfal ta' bejn il-5 u 11-il sena, li jirriflettu li t-tfal qed imorru online u qed jesperjenzaw diffikultajiet f'età dejjem aktar bikrija.

Ambjent diġitali aktar sikur u kontenut aktar xieraq għat-tfal u ż-żgħażagħ huma prijorità ewlenija tad-Deċennju Diġitali. Id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali tipprevedi li t-tfal u ż-żgħażagħ għandhom jiġu protetti minn reati mwettqa permezz ta' jew iffaċilitati permezz ta' teknoloġiji diġitali. Id-Dikjarazzjoni fiha diversi impenji f'dan ir-rigward, mill-għoti ta' edukazzjoni għan-navigazzjoni tal-ambjent diġitali, għall-protezzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ minn kontenut dannuż u illegali, kif ukoll mit-tfassil ta' profili għal skopijiet ta' reklamar, u l-involviment tat-tfal infushom fl-iżvilupp ta' politiki diġitali li huma kkonċernati fihom.

L-impenn tal-UE għal trasformazzjoni diġitali li taħdem għat-tfal huwa msaħħaħ fid-DSA, li jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-protezzjoni tal-minorenni. Il-ħidma taċ-Ċentri għal Internet aktar Sikur u l-azzjonijiet meħuda taħt l-istrateġija għal Internet aħjar għat-Tfal[130] se jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti fid-DSA. **Il-verifika tal-età**

[130] Ara l-Istrateġija tal-Internet aħjar għat-Tfal .

online hija prijorità għall-Kummissjoni: billi tikkontribwixxi għall-mira dwar l-aċċess għal ID diġitali, il-Kummissjoni se tippromwovi l-użu tal-Portafoll tal-Identità Diġitali tal-UE għal dan il-għan.

Il-ġlieda kontra l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal għadha wkoll prijorità ewlenija għall-UE. F'Mejju 2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal[131] li jistabbilixxi obbligi ċari għall-fornituri tas-servizzi online biex jipprevjenu r-riskju ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal fuq is-servizzi tagħhom, u biex jidentifikaw, jirrapportaw u jneħħu dawn ir-reati meta jseħħu.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

Sabiex tiġi żgurata protezzjoni aħjar tat-tfal online, l-Istati Membri għandhom jibnu l-kapaċità u l-kompetenza għall-infurzar robust tad-DSA. L-Istati Membri għandhom jużaw ukoll IDs diġitali u l-Portafoll Diġitali tal-UE biex jagħtu prova tal-età tat-tfal u jiżviluppaw mekkaniżmi oħrajn ta' verifika tal-età.

L-Istati Membri għandhom jorganizzaw ukoll kampanji speċifiċi ta' sensibilizzazzjoni.

5. Trasformazzjoni diġitali biex jiġi appoġġat il-Patt Ekoloġiku tal-UE

Ewrobarometru 2023: *il-ġemellaġġ tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi huwa meqjus bħala fattur ewlieni fid-diġitalizzazzjoni tal-Ewropa.* ***Tnejn minn kull tliet persuni fl-Ewropa jqisu li t-teknoloġiji diġitali se jkollhom rwol importanti fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.***

Is-settur tal-ICT huwa sors importanti ta' emissjonijiet u skart. Illum, dan jammonta għal madwar 7 % sa 9 % tal-konsum globali tal-elettriku, li huwa previst li jiżdied għal 13 % sal-2030[132], għal 2 % sa 4 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra u għal ammonti dejjem akbar ta' skart elettroniku[133]. In-natura li qed tevolvi malajr tat-teknoloġiji diġitali u ż-żieda qawwija possibbli fis-servizzi megħjuna diġitalment x'aktarx isaħħu din is-sitwazzjoni.

Fl-istess ħin, it-trasformazzjoni diġitali hija alleat vitali fl-isforzi tagħna biex titnaqqas l-impronta ambjentali tagħna[134]. Id-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali tistabbilixxi l-objettiv li jiġi żgurat li l-infrastruttura u t-teknoloġiji diġitali, inklużi l-ktajjen tal-provvista tagħhom, isiru aktar sostenibbli, reżiljenti u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi, bil-għan li jitnaqqas l-impatt ambjentali u soċjali negattiv tagħhom[135]. Fil-fatt, id-Deċiżjoni tinkludi diversi referenzi għas-**sostenibbiltà tal-miri tal-infrastrutturi**, b'mod partikolari n-nodi periferiċi u s-semikondutturi. Id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali tippromwovi prodotti u servizzi diġitali b'impatt minimu negattiv fuq l-ambjent u fuq is-soċjetà, kif ukoll teknoloġiji diġitali li jgħinu fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni tipprevedi li l-aċċess għal informazzjoni akkurata u faċli biex tinftiehem

[131] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan.

[132] Ara r-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2022, il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Diġitalizzazzjoni tas-Sistemi tal-Enerġija u l-Monitoraġġ tal-Iskart Elettroniku

[133] L-iskart elettroniku huwa kwalunkwe apparat jew tagħmir elettroniku li huwa obsolet, intensiv fl-enerġija jew li laħaq tmiem il-ħajja tiegħu, bħal kompjuters, mowbajls, tablets, televiżjonijiet intelliġenti, tagħmir tat-telekomunikazzjoni u apparati elettroniċi oħrajn antiki; ara GEM 2020 - Monitoraġġ tal-Iskart Elettroniku (ewastemonitor.info)

[134] Ara Giec- Synthesis Report of The IPCC Sixth Assessment Report (AR6), 2023.

[135] Ara l-Artikolu 3(1)(h) tad-Deċiżjoni dwar id-Deċennju Diġitali.

dwar l-impatt ambjentali u l-konsum tal-enerġija ta' prodotti u servizzi diġitali għandu jkun disponibbli għal kulħadd. Fl-aħħar, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill *Id-diġitalizzazzjoni għall-benefiċċji tal-ambjent* ta' Diċembru 2020 irrikonoxxew li d-diġitalizzazzjoni hija lieva eċċellenti biex titħaffef it-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima, ċirkolari u aktar reżiljenti.

Kif muri fir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2022, meta implimentati taħt il-kundizzjonijiet it-tajbin, is-soluzzjonijiet diġitali wrew tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, żieda fl-effiċjenza tar-riżorsi u monitoraġġ ambjentali mtejjeb[136]. Il-potenzjal ġenerali tat-tnaqqis tal-emissjonijiet bl-użu ta' soluzzjonijiet diġitali bbażati fuq teknoloġiji eżistenti huwa stmat għal bejn 15 % u 20 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra sal-2030, dment li dawn jintużaw u jiġu rregolati kif xieraq[137].

L-UE qed taħdem b'mod attiv biex timmassimizza s-sinerġiji tat-tranżizzjoni ekoloġika u tat-trasformazzjoni diġitali:

- Fl-istrateġija "Ewropa Lesta għall-Era diġitali"[138], il-Kummissjoni stabbiliet għanijiet ambizzjużi bħan-newtralità klimatika taċ-ċentri tad-*data* fl-UE sal-2030. Il-miżuri biex tittejjeb iċ-ċirkolarità tal-apparat diġitali u biex jitnaqqas l-Iskart elettroniku jinkludu d-Direttiva dwar id-dritt għat-tiswija[139] u l-kriterji tal-ekodisinn maħruġa reċentement għall-mowbajls u t-tablets[140]. Qed isiru wkoll sforzi biex jiġu żviluppati ċipep b'enerġija baxxa taħt l-Inizjattiva Ewropea tal-Proċessuri[141]. Fl-aħħar, l-inizjattivi dwar il-ħiliet diġitali huma identifikati wkoll bħala kruċjali biex tiġi żgurata forza tax-xogħol bil-ħiliet diġitali meħtieġa biex tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni doppja (ara t-Taqsima 4.1).
- Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Diġitalizzazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija[142], il-Kummissjoni tidentifika s-settur tal-ICT bħala mutur tal-investimenti fl-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika tul il-katina tal-valur. Dikjarazzjoni ta' intenzjoni[143] lejn il-ħolqien ta' tewmi diġitali tal-grilja tal-elettriku Ewropea, iffirmata f'Diċembru 2022, se tgħin biex tixpruna u tikkoordina l-investimenti fid-diġitalizzazzjoni tal-infrastruttura tal-elettriku.
- Bl-Istrateġija ta' Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti[144], il-Kummissjoni għandha l-għan li tagħmel il-mobbiltà u s-sistemi tat-trasport aktar ekoloġiċi u aktar effiċjenti. L-UE hija ħerqana li tuża d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni biex ittejjeb mhux biss il-kompetittività globali tagħna permezz ta' ktajjen loġistiċi effiċjenti u reżiljenti, iżda anke s-sostenibbiltà tas-settur tat-trasport.

---

[136] Ir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika 2022 Il-ġemellaġġ tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali f'kuntest ġeopolitiku ġdid, COM/2022/289 final.
[137] Rapport tal-IPCCC 2022 (B.4.3) disponibbli f'din il-ħolqa.
[138] COM/2020/67 final, It-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa.
[139] Id-dritt għat-tiswija: Il-Kummissjoni tintroduċi drittijiet ġodda tal-konsumatur fejn jidħlu tiswijiet faċli u attraenti
[140] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L:2023:214:FULL
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1670 tas-16 ta' Ġunju 2023 li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ismartphones, il-mowbajls għajr l-ismartphones, it-telefons mingħajr fili u t-tablets slate
[141] Għal aktar informazzjoni ara https:// www.european-processor-initiative.eu
[142] COM (2022) 552 final.
[143] Ara d-dikjarazzjoni f'din il-ħolqa.
[144] Strateġija ta' Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti

- Bil-Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE[145], il-Kummissjoni għandha l-għan li taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika għal ekonomija ċirkolari newtrali għall-klima, sostenibbli, mhux tossika, effiċjenti fir-riżorsi, ibbażata fuq l-enerġija rinnovabbli, reżiljenti u kompetittiva b'mod ġust, ekwu u inklużiv. L-isfruttar tal-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali u tad-*data* huwa identifikat bħala kundizzjoni abilitanti biex jintlaħqu l-objettivi ta' prijorità u biex tiġi appoġġata l-politika ambjentali, filwaqt li jiżdiedu l-isforzi biex tiġi mminimizzata l-impronta ambjentali tad-diġitalizzazzjoni.
- Biex jiġu żgurati sinerġiji bejn l-investimenti u l-politiki ekoloġiċi u diġitali, l-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida għall-Istati Membri għall-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima tal-2021-2030[146], iħeġġeġ u jassisti lill-Istati Membri biex jagħmlu użu mill-għodod eżistenti u biex jesploraw il-potenzjal sħiħ tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali doppji, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni.

Madankollu hija meħtieġa azzjoni ulterjuri u l-investiment huwa kruċjali biex jinċentiva l-bidla lejn teknoloġiji diġitali aktar effiċjenti fir-riżorsi. L-att delegat tar-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE[147] dwar il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima stabbilixxa kriterji ċari li se jgħinu fit-tmexxija tal-investiment lejn ċentri tad-*data* aktar ekoloġiċi u soluzzjonijiet diġitali ekoloġiċi pprovati bħala attività ekonomika sostenibbli. Fl-istess ħin, il-Qafas Temporanju għall-Għajnuna mill-Istat għall-Kriżi u t-Tranżizzjoni[148] se jgħin biex jiġu sfruttati t-teknoloġiji diġitali għal ekonomija aktar ekoloġika u sostenibbli, b'mod partikolari l-komponent diġitali tal-manifattura tat-teknoloġija nadifa, filwaqt li l-emendi għall-GBER għandhom il-potenzjal li jiffaċilitaw, jissimplifikaw u jħaffu l-appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE, filwaqt li jiffaċilitaw l-investimenti fit-teknoloġiji diġitali u l-konnettività[149]. Fl-aħħar, ir-reviżjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza, fid-dawl tar-REPowerEU, fejn, *inter alia*, il-potenzjal ta' soluzzjonijiet diġitali għat-tranżizzjoni tal-enerġija jista' jitqies, hija opportunità biex tiġi appoġġata d-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija.

Barra minn hekk, **hemm bżonn ta' metodoloġija ta' valutazzjoni bbażata fuq ix-xjenza dwar l-"impatt ambjentali nett" ta' diġitalizzazzjoni akbar** li tqis kemm il-benefiċċji kif ukoll l-effetti possibbli ta' rkupru. Din tinvolvi wkoll il-ġbir ta' evidenza tal-impatti ambjentali netti tad-diġitalizzazzjoni fl-UE kollha biex jiġi żgurat il-kontribut pożittiv tagħha għall-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Kummissjoni nediet inizjattivi ddedikati għar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż taħt Orizzont Ewropa, biex tappoġġa din l-ambizzjoni u se tintensifika l-ħidma tagħha biex tiżviluppa indikaturi komuni għall-kejl tal-impronta ambjentali tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika.

Politiki, miżuri u azzjonijiet irrakkomandati:

[145] Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030, ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22–36.

[146] C(2022) 9264 final.

[147] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088, ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13–43.

[148] Għal aktar informazzjoni ara https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/temporary-crisis-and-transition-framework_en

[149] Ara t-Taqsima 2 hawn fuq.

L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq l-ambjent u jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' għodod ta' kejl li jibnu fuq is-sejħa ta' Toulouse għal Tranżizzjoni Ekoloġika u Diġitali fl-UE[150].

L-Istati Membri huma mistiedna jibnu fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Qafas Temporanju għall-Għajnuna mill-Istat għall-Kriżi u t-Tranżizzjoni biex irawmu t-tranżizzjoni lejn ekonomija netta żero għal soluzzjonijiet diġitali, b'mod partikolari fir-rigward taċ-ċentri ta' innovazzjoni diġitali, l-ittestjar u l-esperimentazzjoni, proġetti ta' konnettività ambizzjuż inklużi networks ta' backhaul, proġetti ta' konnettività tal-gigabits li jgħaqqdu l-ixprunaturi soċjoekonomiċi bħall-iskejjel.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw sinerġiji bejn il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali tagħhom għad-Deċennju Diġitali u l-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima għall-2021-2030.

L-Istati Membri għandhom itejbu l-kooperazzjoni u l-investimenti konġunti fl-oqsma rilevanti għat-tranżizzjonijiet doppji, bħad-data dwar il-mobbiltà u l-loġistika, jew tewmin diġitali lokali, possibbilment anke permezz tal-EDICs proposti f'dawn l-oqsma.

6. Dimensjoni internazzjonali

L-attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali għandhom l-għan li jippromwovu b'mod proattiv il-mudell tagħna abbażi ta' valuri ċċentrati fuq il-bniedem u li jippromwovu l-interessi tal-UE fix-xena globali. Fid-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali, l-UE u l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jippromwovu l-viżjoni tagħhom tat-trasformazzjoni diġitali lis-sħab internazzjonali. Dan ispira d-Dikjarazzjoni dwar il-Futur tal-Internet[151] u d-Dikjarazzjoni tal-OECD dwar Futur Diġitali Fdat, Sostenibbli u Inklużiv[152], u qed jikkontribwixxi għax-xogħlijiet li se jwasslu għall-ftehim dwar Patt Diġitali Globali tan-Nazzjonijiet Uniti[153]. Wara l-adozzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Diġitali tal-UE[154] f'Lulju 2022, l-UE stabbiliet pedament b'saħħtu għall-involviment estern tagħna dwar kwistjonijiet diġitali. Il-Konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Diġitali tal-UE[155] ta' Ġunju 2023 jipproponu sett ta' azzjonijiet ta' prijorità meħtieġa għal politika u azzjoni tal-UE aktar b'saħħithom, aktar strateġiċi, koerenti u effettivi fl-affarijiet diġitali globali. Il-koordinazzjoni tat-Tim Ewropa ġiet imsaħħa, inkluż ir-rwol tad-Delegazzjonijiet tal-UE fil-komunikazzjoni u fil-promozzjoni tal-iżviluppi leġiżlattivi u ta' politika tal-UE fost il-gvernijiet u l-partijiet ikkonċernati fil-pajjiżi sħab.

L-għan tad-Diplomazija Diġitali tal-UE huwa li tiżgura r-rwol globali tal-UE fid-dinja diġitali. Fil-livell bilaterali, is-sensibilizzazzjoni internazzjonali tiddependi fuq l-isfruttament ta' sħubijiet diġitali, filwaqt li tibni fuq ir-rabtiet b'saħħithom tagħna ma' sħab tal-istess fehma bħall-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea u Singapore, fl-erba' punti kardinali. Il-kooperazzjoni internazzjonali hija strutturata wkoll fil-**Kunsilli tal-Kummerċ u t-Teknoloġija** (TTC bejn l-UE u l-Istati Uniti, TTC bejn l-UE u l-Indja), fl-alleanzi reġjonali (l-Amerika Latina, l-Afrika) u fid-djalogi diġitali mal-Amerika Latina u l-Asja. L-UE żiedet b'mod sostanzjali wkoll l-

[150] Disponibbli f'din il-ħolqa
[151] Disponibbli f'din il-ħolqa.
[152] Disponibbli f'din il-ħolqa
[153] Disponibbli f'din il-ħolqa
[154] Disponibbli f'din il-ħolqa
[155] Disponibbli f'din il-ħolqa

appoġġ tagħha għat-**trasformazzjoni diġitali tal-Ukrajna**, filwaqt li ffokat kemm fuq miżuri ta' emerġenza kif ukoll fuq dawk fit-tul, b'mod partikolari fuq ir-roaming. Fil-livelli multilaterali, b'mod partikolari l-G20 u l-G7, f'konformità mal-kunċett ta' "konnettività affidabbli"[156], l-UE tippromwovi approċċ li jirrikonoxxi r-rwol tar-regolamentazzjoni diġitali biex tikkontribwixxi għall-fiduċja fl-ekonomija diġitali u tiffaċilita l-flussi tad-*data*.

Il-**Global Gateway**[157] qed isaħħaħ il-konnessjonijiet bejn in-nies bejn l-Ewropa u s-sħab tagħha b'investimenti mmirati fl-infrastruttura diġitali li għandhom l-għan li jindirizzaw id-distakk diġitali globali u jsaħħu konnessjonijiet diġitali siguri u affidabbli. Il-Kummissjoni qed taħdem biex issaħħaħ l-infrastruttura ewlenija Ewropea u l-konnettività tat-territorji tal-UE ma' pajjiżi terzi simili, bl-użu ta' network globali u sigur ta' kejbils sottomarini biex tappoġġa r-reżiljenza diġitali tal-UE u tnaqqas id-dipendenzi permezz tal-promozzjoni tad-diversifikazzjoni tar-rotot internazzjonali.

L-investiment u l-kummerċ barranin huma essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, għall-kompetittività, għall-impjiegi u għall-innovazzjoni tagħna. Madankollu, illum aktar minn qatt qabel, il-ftuħ tal-UE jeħtieġ li jkun ibbilanċjat b'għodod xierqa, sabiex jiġi ssalvagwardjat l-assi strateġiku ewlieni tagħha u sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni fl-Unjoni kollha. L-Istrateġija tal-UE għas-Sigurtà Ekonomika[158] se tippermetti l-massimizzazzjoni tal-benefiċċji tal-ftuħ ekonomiku filwaqt li timminimizza r-riskji ta' interdipendenzi ekonomiċi, issaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE tal-ktajjen tal-provvista tagħha u tgħin fl-indirizzar tal-ħrib tat-teknoloġija jew l-użu bħala arma possibbli tad-dipendenzi ekonomiċi inkluża l-koerzjoni ekonomika. L-UE introduċiet ukoll miżuri ekonomiċi assertivi bħall-qafas tal-UE għall- iskrinjar tal-investiment dirett barrani (FDI)[159], li jippermettu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jimmonitorjaw u jinfluwenzaw l-effetti tal-FDI fuq l-infrastruttura kritika, it-teknoloġiji kritiċi u l-oġġetti b'użu doppju, il-provvista ta' inputs kritiċi, l-aċċess għal informazzjoni sensittiva u għal-libertà u għall-pluraliżmu tal-media. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-UE dwar is-Sussidji Barranin (FSR), li daħal fis-seħħ f'Lulju 2023, jippermetti lill-Kummissjoni tinvestiga u tirrimedja s-sussidji li jaslu minn pajjiżi mhux tal-UE li jfixklu s-suq intern tal-UE. L-UE issa tista' tiddependi wkoll fuq sett ta' għodod imsaħħaħ għall-kontroll tal-esportazzjoni biex tirrispondi b'mod effettiv għar-riskji tas-sigurtà li qed jevolvu u għat-teknoloġiji emerġenti. Ir-Regolament il-ġdid dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju, li jinkludi lista ta' teknoloġiji diġitali[160].

---

[156] Id-diskors tal-President von der Leyen fis-Summit Diġitali ta' Tallinn, Ottubru 10, 2022

[157] JOIN/2021/30 final, Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsil, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment – Il-Global Gateway.

[158] JOIN (2023) 20 final, Strateġija ta' Sigurtà Ekonomika.

[159] Ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni, ĠU L 79 I, 21.3.2019, p. 1-14, li bħalissa qed jiġi evalwat bl-għan li jiġi żgurat li jibqa' adattat għall-iskop tiegħu.

[160] Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju, ĠU L 206 I, 11.6.2021, p. 1-461.

7. Konklużjonijiet

Is-suċċess tad-Deċennju Diġitali se jkun kruċjali għall-prosperità futura tal-UE. Il-kisba tal-aġenda tad-Deċennju Diġitali tal-UE tista' tiftaħ aktar minn EUR 2,8 triljun f'valur ekonomiku[161] li huwa ekwivalenti għal 21 % tal-ekonomija kurrenti tal-UE.

Is-sitwazzjoni attwali ppreżentata f'dan ir-rapport turi li **s-suċċess tat-trasformazzjoni diġitali tal-UE se jirrikjedi aċċellerazzjoni sostanzjali u approfondiment tal-azzjoni tal-UE u tal-Istati Membri** biex isiru r-riformi, jittejjeb l-ambjent tan-negozju, jinħolqu inċentivi u jissaħħaħ l-investiment fit-teknoloġiji, fil-ħiliet u fl-infrastrutturi diġitali. L-implimentazzjoni tal-approċċ trażversali tad-Deċennju Diġitali u l-bini fuq is-sinerġiji fost il-punti kardinali, l-oqsma fil-mira u l-objettivi se jkunu kruċjali biex isir progress lejn trasformazzjoni diġitali b'suċċess.

Is-sitwazzjoni attwali ppreżentata f'dan ir-rapport titlob ukoll **azzjoni konġunta kkoordinata akbar dwar it-trasformazzjoni diġitali tal-UE**. L-Istati Membri huma mistiedna jagħmlu aktar progress fl-implimentazzjoni tal-MCPs u tal-EDICs fid-dawl tal-kontribut potenzjali tagħhom biex inaqqsu d-differenzi bejn is-sitwazzjoni attwali u l-miri tal-2030.

Il-**monitoraġġ** tal-progress fl-ilħuq ta' objettivi u miri komuni permezz tal-mekkaniżmu ta' governanza tad-Deċennju Diġitali huwa essenzjali biex tinftiehem aħjar l-interdipendenza bejn il-politiki regolatorji u ta' finanzjament, u biex jinstabu punti b'saħħithom u sinerġiji komuni biex jintlaħqu l-objettivi strateġiċi tal-UE. Għalhekk huwa kruċjali li l-**pjanijiet direzzjonali nazzjonali** li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri sal-bidu ta' Ottubru 2023, u aktar aġġustamenti aktar tard, jirriflettu dan l-approċċ integrat u jqisu l-politiki, il-miżuri u l-azzjonijiet irrakkomandati li jinsabu f'dan ir-rapport.

Il-Kummissjoni issa se tinvolvi ruħha f'**diskussjonijiet mal-Istati Membri, mal-Parlament Ewropew u mal-partijiet ikkonċernati** dwar kif isir progress flimkien bl-użu tal-mekkaniżmu ta' governanza tad-Deċennju Diġitali. B'mod parallel, se timpenja ruħha wkoll mal-partijiet ikkonċernati u mas-sħab barra mill-UE.

[161] PublicFirst, *Unlocking Europe's Digital Potential*, 2022. Ara wkoll it-Taqsima 5.3 "Investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali" tal-SWD (2023)570, "L-implimentazzjoni tal-objettivi tad-Deċennju Diġitali u d-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali".